

Brussell, 16 ta' Frar 2017
(OR. en)

6337/17

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0148 (COD)

CODEC 216
CLIMA 39
ENV 140
ENER 47
TRANS 65
IND 40
COMPET 98
MI 134
ECOFIN 98
PE 6

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 13 sa 16 ta' Frar 2017)

I. INTRODUZZJONI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel ippreżenta 138 emenda (l-emendi 1-80 u 82-139¹) lill-plenarja. Barra minn hekk:

- il-grupp politiku ENL ippreżenta żewġ emendi (l-emendi 140-141);
- il-grupp politiku PPE ressaq tliet emendi (l-emendi 142-144);
- il-grupp politiku EUL/NGL ippreżenta erba' emendi (l-emendi 145-148);
- 38 MEP jew aktar ippreżentaw erba' emendi (l-emendi 149 u 163-5);
- il-grupp politiku Ħodor/AHE ppreżenta emenda waħda (l-emenda 150); u
- il-grupp politiku ECR ippreżenta għaxar emendi (l-emendi 151-159 u 162²).

¹ L-emenda 81 tal-Kumitat tħassret qabel il-votazzjoni fil-plenarja.

² L-ECR ippreżenta iżda rtira l-emendi 160 u 161.

II. DIBATTITU

Ir-Relatur, Ian Duncan (ECR - UK), fetaħ id-dibattitu, li sar fit-13 ta' Frar 2017 u:

- fakkar li qabel il-Milied, meta mandat mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel kien għadu ppjanat, huwa kien dubjuż dwar il-possibbiltà li jkun possibbli li jingħata mandat bħal dan. Fil-fatt, kien hemm punt fejn huwa xtaq li jirriżenja, iżda r-riżenja tiegħu ma ġietx aċċettata mill-kollegi tal-kumitat tiegħu. Għaldaqstant huwa laqa' l-fatt li mandat fil-livell tal-plenarja issa deher li huwa fuq il-karti;
- esprima t-tama li l-adozzjoni tar-rapport tiegħu mill-plenarja twassal biex il-Kunsill iwettaq l-ambizzjonijiet tal-UE fil-Ftehim ta' Pariġi;
- wissa kontra kwalunkwe tentattiv biex jinħall il-pakkett ta' kompromess tal-kumitat, billi dan jista' jwassal biex jikkollassa l-pakkett kollu; u
- enfażizza l-ħtieġa li l-ftehim ikun "protett mill-Brexit", iżda ħalla dettalji speċifiċi f'dan ir-rigward għan-negożjati nfushom.

Huwa u jitkellem fisem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, is-Sur Fredrick FEDERLEY (ALDE - SE):

- fakkar li l-kumitat tiegħu kellu kompetenza kondiviża mal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel dwar xi taqsimiet tal-proposta. Aktar minn 80 % tal-membri tal-Kumitat ITRE appoġġaw ir-rapport. Għaldaqstant kien possibbli li jiġi evitat koeffiċjent ta' korrezzjoni transsettorjali. Il-parti l-kbira tal-proposti tal-kumitat tiegħu ddaħħlu fir-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; u
- qabel mar-Relatur li kwalunkwe tentattiv biex jinħall il-pakkett ta' kompromess ikun żball.

Il-Kummissarju CAÑETE:

- appella lill-UE biex tkun minn ta' quddiem u tqiegħed l-impenji tagħha f'qafas ċar u vinkolanti;
- innota li l-pakkett tal-Kumitat ser jirdoppja r-rata ta' tqegħid ta' kwoti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq;

- enfażizza l-ħtieġa li tiġi ppreservata l-kompetittività tal-industrija tal-UE u jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Huwa laqa' b'sodisfazzjon l-elementi fil-pakkett tal-Kumitat maħsuba sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tan-negozju;
- innota li l-pakkett tal-Kumitat ser iżomm il-mudell b'rati fissi tal-proposta tal-Kummissjoni rigward l-aġġornament tal-punti ta' riferiment għall-allokazzjoni bla ħlas, u ser ikompli jsaħħaħ ir-rwol tad-data verifikata. Għaldaqstant, dan ser jippremja setturi li jimxu b'mod aktar rapidu bl-istabbiliment ta' kontribuzzjoni massima u jiżgura li s-setturi li jimxu bil-mod ukoll jagħmlu l-parti tagħhom bir-reqwiżiti ta' kontribuzzjoni minima ta' 0.25 %; u
- saħaq fuq l-importanza li tiżdied il-qawwa innovattiva tal-EU ETS bħala l-mutur għal investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Huwa nnota li l-Parlament kien qiegħed jiddiskuti dwar li jintbagħat sinjal ċar dwar il-ħtieġa li jissaħħaħ il-Fond għall-Innovazzjoni għall-benefiċċju tal-kumpaniji Ewropej u li jiġi żgurat li l-Fond għall-Modernizzazzjoni jstimula d-dekarbonizzazzjoni fi Stati Membri bi dħul iktar baxx. Huwa importanti, waqt l-eżami ta' dawn il-fondi, li jitqiesu l-effetti tagħhom fuq id-dħul tal-Istati Membri mill-irkant u li jiġu ffavoriti elementi li jlaqqgħu flimkien lill-Kunsill u lill-Parlament.

Huwa u jitkellem f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp, is-Sur Florent MARCELLESI (Ħodor/AHE - ES):

- esprima d-dispjaċir tiegħu li wħud mill-proposti tal-kumitat tiegħu ma tqisux, b'mod partikolari r-reviżjoni sħiħa tas-sistema fl-2018 u d-deżinjazzjoni ekonomika speċifika għall-Fond Internazzjonali tal-Klima; iżda
- laqa' t-tneħħija gradwali proposta tal-allokazzjonijiet bla ħlas għas-settur tas-siment u l-miżuri dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Huwa u jitkellem f'isem il-grupp politiku PPE, is-Sur Ivo BELET (PPE - BE):

- oppona l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju u l-fatt li dan ser ikollu fil-mira setturi partikolari bħall-ġir u s-siment. Dan jista' jkun ta' dannu għall-produtturi tas-siment u l-ġir li jesportaw barra l-UE. Agħar minn hekk, dan ser jiġi implimentat permezz ta' att delegat. Għaldaqstant huwa appoġġa l-proposta moderata tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija. Huwa fakkar ukoll li s-settur tas-siment għadu jaqa' taħt is-sistema ġenerali sabiex il-kwoti jiġu allokati biss lill-10 % bl-aħjar prestazzjoni;

- innota li l-Fattur Lineari ta' Tnaqqis ta' 2.2 % propost mill-Kummissjoni huwa ħafna aktar ambizzjuż mil-livell attwali; u
- innota l-ambizzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.

Hija u titkellem f'isem il-grupp politiku S&D, is-Sinjura Jytte GUTELAND (S&D - SE):

- sostniet li, filwaqt li l-EU ETS hija għodda essenzjali, ħadd ma jista' jqisha bħala perfetta;
- stabbiliet tliet prinċipji ewlenin għall-grupp politiku tagħha:
 - l-EU ETS ser twettaq l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi;
 - l-EU ETS ser tkun aktar ġusta għall-industrija, bit-tneħħija tal-iżbilanċi attwali; u
 - l-involvement tal-ħaddiema.
- appellat għal Fattur Lineari ta' Tnaqqis ta' mill-inqas 2.4 %;
- appellat għal aktar investiment fl-innovazzjoni bħala mod ta' għajjnuna lill-industrija;
- saħqet dwar il-ħtieġa ta' fond għall-adattament soċjali; u
- appellat għal appoġġ għall-pakkett ta' kompromess.

Hija u titkellem f'isem il-grupp politiku ECR, is-Sinjura Julie GIRLING (ECR - UK):

- innotat il-kwistjoni li l-Istati Membri jkollhom l-aħħar għażla dwar l-użu tad-dħul tagħhom mill-EU ETS. Sabiex jiġi żgurat l-impenn kontinwu tagħhom, ser jiġi rifjutati l-kwistjonijiet ta' sovranità fiskali;
- appellat għal approċċ ibbażat fuq l-evidenza. Il-Parlament m'għandux jintroduċi elementi ġodda li ma kinux soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt; u
- esprimiet tħassib dwar l-inklużjoni tardiva ta' mekkaniżmu tal-aġġustament tal-limitu mingħajr ebda studju tal-impatti jew l-ispejjeż tiegħu. Il-grupp politiku tagħha ma jqisx li dan huwa l-mod biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-għoti ta' allokkazzjonijiet bla ħlas għal dawk is-setturi li huma l-aktar friskju huwa l-aħjar triq 'il quddiem.

Huwa u jitkellem f'isem il-grupp politiku ALDE, is-Sur Gerben-Jan GERBRANDY (ALDE - NL):

- sostna li l-pakkett fil-livell tal-kumitat ma kienx ambizzjuż biżżejjed, anki jekk
 - jiżdied il-Fattur Lineari ta' Tnaqqis;
 - jitħassru 800 miljun kwota; u
 - nstab mod li jillimita l-ammont ta' kwoti bla ħlas mogħtija lil setturi industrijali b'intensità baxxa ta' kummerċ mingħajr ma tiġi pperikolata l-kompetittività internazzjonali tagħhom;

- ġew identifikati diversi punti fejn il-pakkett tal-kumitat idgħajjed il-proposta tal-Kummissjoni:
 - jitbaxxa l-punt ta' riferiment annwali;
 - jitbaxxa l-livell limitu għal valutazzjoni kwalitattiva; u
 - inħolqot opportunità biex jitnaqqas is-sehem tal-irkant;
- wissa li l-oġġettiv li t-tisħin globali jiġi limitat biss għal żewġ gradi jfisser li d-dinja fadlilha biss għoxrin sena ta' emissjonijiet globali attwali. B'mira ta' 1.5 gradi jkun fadal ħames snin biss.

Hija u titkellem f'isem il-grupp politiku EUL/NGL, is-Sinjura Kateřina KONEČNÁ (EUL/NGL - CZ) innotat li l-pakkett ta' kompromess fih kemm elementi ħżiena (eż. protezzjoni subottimali tal-industrija tal-UE) kif ukoll elementi tajbin, iżda saħqet ukoll fuq il-ħtieġa li l-partijiet kollha jkunu lesti għal kompromess sabiex il-plenarja tadotta l-mandat ta' negozjar tagħha b'grad għoli ta' appoġġ.

Huwa u jitkellem f'isem il-grupp politiku Ħodor/AĦE, is-Sur Bas EICKHOUT (Ħodor/AĦE - NL):

- innota li l-pakkett ta' kompromess fil-livell tal-kumitat kien ambizzjuż iżda inkluda wkoll grad għoli ta' protezzjoni addizzjonali għall-industrija (eż. il-protezzjoni tas-setturi tal-fertilizzant u tal-azzar, fond ikbar għall-innovazzjoni, punti ġodda ta' riferiment u fond ta' kumpens għal spejjeż indiretti). Madankollu l-pakkett għadu qiegħed jiġi attakkat - sempliċement minħabba li settur wieħed kien għadu qiegħed jilmenta; u
- saħaq fuq il-fatt li l-irkant huwa r-regola. Is-singularizzazzjoni ta' setturi billi jingħataw lhom kwoti bla ħlas hija singularizzazzjoni u għandha tkun limitata għal dawk is-setturi li huma esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali. Is-settur tas-siment fil-fatt żied l-esportazzjonijiet minħabba l-kwoti bla ħlas u waqqaf l-innovazzjoni għax huwa dipendenti fuq kwoti bla ħlas u jeħtieġ li jżomm siment b'livell għoli ta' karbonju. Is-settur tas-siment kellu gwadann mhux previst ta' €5 biljun matul l-aħħar fażi tal-ETS. Għaldaqstant huwa importanti li jiġi indirizzat dan l-approċċ tas-settur tas-siment lejn l-innovazzjoni. L-allokazzjoni bla ħlas għas-settur tas-siment ser tieqaf, iżda s-settur tas-siment ser jibbenefika mill-miżura tal-aġġustament tal-limitu. Minn issa 'l quddiem, il-kwoti bla ħlas ser jingħataw biss lil dawk is-setturi li jistħoqqilhom.

Hija u titkellem f'isem il-grupp politiku EFDD, is-Sinjura Eleonara EVI (EFDD - IT) saħqet fuq il-ħtieġa li jintlaħaq tnaqqis reali aktar milli virtwali fl-emissjonijiet.

Hija u titkellem f'isem il-grupp politiku ENF, is-Sinjura Mireille D'ORNANO (ENF - FR):

- opponiet ir-riforma tal-EU ETS għal raġunijiet legali kif ukoll ta' prinċipju;
- opponiet it-tisħiħ tal-prerogattivi tal-Kummissjoni kif ukoll l-inklużjoni tas-setturi marittimi u tal-avjazzjoni internazzjonali - bin-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-kompetenzi tal-OMI u l-ICAO;
- sostniet li l-limiti l-ġodda ser ikunu ta' benefiċċju għall-istati bi spejjeż baxxi, li ta' spiss huma bla skruplu fir-rigward tal-ambjent; u
- wissiet li l-industrija Ċiniża tal-azzar qiegħda tespandi fl-UE, li ilha importatur nett mill-2015. Ir-riforma proposta twassal għal aktar telf ta' impjiegi fi Franza u fil-bqija tal-UE.

Is-Sinjura Diane JAMES (NI - UK):

- ikkundannat l-EU ETS bħala "litanija tal-mistħija ta' ġestjoni ħażina, sussidji moħbija, setgħa tal-lobbying, degradazzjoni ambjentali, telf ta' impjiegi, serq u frodi";
- staqsiet x'analiżi tar-riskji kienet saret; u
- wissiet li l-proposta ser iżżid il-qgħad u t-tniġġis mill-esportazzjoni.

Is-Sinjura Esther DE LANGE (PPE - NL):

- appellat għal appoġġ għall-proposta tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija fir-rigward ta' kwoti bla hłas addizzjonali ta' 5 %; u
- innotat li l-grupp politiku PPE jippreferi l-formulazzjoni aktar ġenerali u ġusta tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija rigward il-mekkaniżmu tal-aġġustament tal-limitu.

Is-Sur Edouard MARTIN (S&D - FR):

- sostna li tnaqqis fl-emissjonijiet ma kinux primarjament minħabba l-EU ETS iżda pjuttost minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;
- stqarr li hemm qbil ġenerali li l-prezz attwali tal-karbonju huwa baxx wisq biex jinkoraġġixxi investiment f'teknoloġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-Fattur Lineari ta' Tnaqqis jiżdied għal 2.4 % u li jitneħħew 800 miljun tunnellata ta' kwoti żejda;
- appella għal mekkaniżmu tal-aġġustament tal-limitu għas-siment;

- stqarr li huwa perfettament leġittimu li l-EU, bħala att ta' solidarjeta', tiffinanzja pakkett speċifikament għal pajjiżi li huma inqas ekonomikament vantaġġati, iżda sostna li huwa wkoll leġittimu li tirrikjedi li dawn l-ammonti jiġu investiti fi proġetti tal-enerġija li huma f'konformità ma' pjan ta' rotta komuni. Il-kriterji ġodda proposti ser jippermettu lill-pajjiżi benefiċjarji kollha jimmodernizzaw l-infrastruttura tagħhom; u
- appoġġa l-fond għal transizzjoni ġusta għall-ħaddiema.

Is-Sur Mark DEMESMAEKER (ECR - BE):

- appella biex jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-protezzjoni tal-klima u l-impjiegi;
- wissa li r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju teqred l-impjiegi fl-UE filwaqt li ma tagħmel xejn biex tnaqqas it-tibdil fil-klima; u
- appoġġa l-pakkett fil-livell tal-kumitat.

Is-Sinjura Sofia SAKORAFI (EUL/NGL - GR) saħqet fuq l-importanza tal-industrija Griega tas-siment.

Is-Sinjura Barbara KAPPEL (ENF - AT) saħqet fuq il-ħtieġa li jiġu ttestjati l-miżuri tal-aġġustament tal-limitu u esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-impatt tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fuq l-impjiegi fl-UE.

Dr Peter LIESE (PPE - DE):

- wissa kontra ż-żieda fil-piż fuq kumpaniji li diġà investew ħafna fit-tnaqqis tal-emissjonijiet;
- stqarr li l-atti delegati jistgħu ma jkunux xierqa fil-każijiet kollha; u
- appoġġa l-emenda 144.

Is-Sinjura Miriam Dalli (S&D - MT):

- saħqet fuq li l-industrija teħtieġ prevedibbiltà u stabbiltà;
- appellat biex jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn l-ambjent u l-industrija;
- irrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġu appoġġati s-setturi li ġenwinament għandhom bżonn dan, iżda stqarret li gwadann mhux previst mhuwiex aċċettabbli; u
- appoġġat il-pakkett fil-livell tal-kumitat bħala bbilanċjat tajjeb.

Is-Sur Giovanni LA VIA (PPE - IT) appoġġa l-pakkett fil-livell tal-kumitat bħala ambizzjuż u bażi tajba għal negozjati mal-Kunsill.

Is-Sinjura Jadwiga WIŚNIEWSKA (ECR - PL):

- saħqet fuq li l-industrija teħtieġ prezzijiet stabbli tal-emissjonijiet;
- wissiet dwar ir-riskju li r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha fuq il-qgħad; u
- opponiet il-Fattur Lineari ta' Tnaqqis restrittiv u l-attakk inkomprensibbli fuq fis-settur tas-siment.

Is-Sur Jerzy BUZEK (PPE - PL):

- oppona żieda fil-Fattur Lineari ta' Tnaqqis;
- saħaq fuq il-bżonn ta' kwoti bla ħlas għas-settur tas-siment; u
- appella biex il-kontroll tal-Fond għall-Modernizzazzjoni jibqa' f'idejn il-pajjiżi benefiċjarji, bil-konsulenza tal-Bank Ewropew tal-Investment.

Is-Sinjura Christel SCHALDEMOSE (S&D - DK) appoġġat Fattur Lineari ta' Tnaqqis ta' 2.4 %.

Is-Sur Herbert REUL (PPE - DE) sostna li s-settur tas-siment għandu rekord tajjeb dwar l-emissjonijiet u m'għandux jiġi trattat b'mod punittiv.

Is-Sur Bendt BENDTSEN (PPE - DK):

- oppona kull tentattiv li jiġu regolati l-emissjonijiet marittimi mingħajr l-involviment tal-OMI; u
- wissa li mekkaniżmu tal-aġġustament tal-limitu jista' jwassal għal kwistjonijiet mad-WTO.

Is-Sur Krišjānis KARIŅŠ (PPE - LV) appella lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-inklużjoni ta' taxxa fuq il-karbonju fil-proposta li jmiss tagħha.

Is-Sur Ivica TOLIĆ (PPE - HR):

- stqarr li r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju qerdet l-impjiegi fl-UE;
- oppona l-emendi 12 u 84 minħabba li dawn ser jeqirdu 3,000 impjieg fis-settur Kroat tas-siment; u
- stqarr li l-istandards stabbiliti għas-settur tal-azzar huma teknikament impossibbli.

Is-Sur Peter van DALEN (ECR - NL) sostna li s-settur marittimu għandu jkun kopert mill-EU ETS fil-futur qarib, filwaqt li nnota li l-2021 hija l-iskadenza biex jiġi żgurat ftehim fil-livell tal-OMI.

Is-Sur Nikos ANDROULAKIS (S&D - GR) ġibed l-attenzjoni għall-qagħda attwali tal-ekonomija Griega u, filwaqt li sostna għall-użu tal-2014 u l-2015 bħala punt ta' riferiment minflok l-2013, appella għall-adozzjoni tal-emenda 49.

Is-Sur Seán KELLY (PPE - IE) laqa' li l-valutazzjoni kwalitattiva ser titnaqqas għal 1.2 u esprima t-tama li dan isir fil-livell tal-Prodcom minflok dak tal-NACE-4.

Il-Kummissarju CAÑETE tkellem għal darb' oħra u appella għal pożizzjoni b'saħħitha tal-Parlament qabel in-negozjati mal-Kunsill.

Ir-Relatur tkellem għal darba oħra u saħaq fuq il-ħtieġa li jintlaħqu l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi. L-industrija għandha tiġi protetta b'mod sensibbli, iżda jeħtieġ ukoll li din twettaq id-doveri tagħha.

III. VOT

Meta vvotat fil-15 ta' 'Frar 2017, il-plenarja adottat 138 emenda (l-emendi 1-5, 7-26, 28-39, 41-80, 82-83, 85-102, 104-139, 142-4, 159 u 165) għall-proposta għal Direttiva.

Wara intervent orali mir-Relatur, il-plenarja mbagħad approvat it-talba tiegħu biex il-proposta tiġi riferuta lura lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel bil-ħsieb li jidħol f'negozjati interistituzzjonali.

It-test tal-emendi adottati mill-plenarja jinsab fl-anness għal dan id-dokument.

P8_TA-PROV(2017)0035

Tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju (COM(2015)0337 – C8-0190/2015 – 2015/0148(COD))³

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ stabbiliet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni sabiex tippromwovi ***t-tnaqqis*** tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti.

¹⁵ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Emenda

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ stabbiliet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni sabiex tippromwovi ***kemm it-tnaqqis*** tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti ***kif ukoll it-tisħiħ sostenibbli tal-industrija tal-Unjoni kontra r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tal-investment.***

¹⁵ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

³ Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0003/2017).

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 impenja ruħu biex inaqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumplessivi tal-Unjoni tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet u l-mira **għandha** tintlaħaq b'mod kosteffettiv permezz tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) bi tnaqqis ta' 43 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030. Dan kien ikkonfermat fl-impenn ta' tnaqqis maħsub iddeterminat fuq livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas ***tan-NU*** dwar it-Tibdil fil-Klima fis-6 ta' Marzu 2015¹⁶.

¹⁶

<http://www4.unfccc.int/submissions/indc/Submission%20Pages/submissions.aspx>

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 impenja ruħu biex inaqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumplessivi tal-Unjoni tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet u l-mira ***trid*** tintlaħaq b'mod kosteffettiv permezz tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) bi tnaqqis ta' 43 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030. Dan kien ikkonfermat fl-impenn ta' tnaqqis maħsub iddeterminat fuq livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas ***tan-Nazzjonijiet Uniti*** dwar it-Tibdil fil-Klima fis-6 ta' Marzu 2015. ***L-isforz tat-tnaqqis fl-emissjonijiet għandu jiġi kondiviż b'mod ġust bejn is-setturi koperti mill-EU ETS.***

importanti li l-EU ETS, għalkemm hija l-għodda ewlenija tal-Unjoni biex jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-klima u l-enerġija fuq perijodu twil, tiġi kkomplementata b'azzjonijiet ekwivalenti addizzjonali meħuda permezz ta' atti u strumenti legali oħra li jindirizzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn setturi li mhumiex koperti mill-EU ETS.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Skont il-Ftehim adottat f'Pariġi fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC tat-12 ta' Diċembru 2015 (il-"Ftehim ta' Pariġi"), il-pajjiżi huma meħtieġa jimplimentaw politiki sabiex jiksbu aktar minn 180 Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali (INDCs) li jkopru madwar 98 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra. Il-Ftehim ta' Pariġi għandu l-għan li jllimita ż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2°C iktar mil-livelli preindustrijali u li jara li jsiru l-isforzi ħalli ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5°C iktar mil-livelli preindustrijali. Ħafna minn dawn il-politiki huma mistennija li jinvolvu l-ipprezzar tal-karbonju jew miżuri simili, u għalhekk għandha tiġi stabbilita klawnsola ta' reviżjoni f'din id-Direttiva sabiex il-Kummissjoni tkun tista', fejn xieraq, tipproponi tnaqqis aktar strett tal-emissjonijiet wara l-ewwel eżerċizzju ta' rendikont skont il-Ftehim ta' Pariġi fl-2023, aġġustament tad-dispożizzjonijiet b'rabta mar-rilokazzjoni tranżitorja tal-emissjonijiet tal-karbonju sabiex jirriflettu l-iżvilupp ta' mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju barra l-Unjoni, u għodod u miżuri ta' politika addizzjonali li jsaħħu l-impenji ta' tnaqqis tal-gassijiet serra tal-

Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Il-klawsola ta' reviżjoni għandha tiżgura wkoll li tiġi adottata komunikazzjoni fi żmien sitt xhur mid-djalogu faċilitattiv, li għandu jsir taħt l-UNFCCC fl-2018, li tivvaluta l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda 5

**Proposta għal direttiva
Premessa 2c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2c) B'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u b'konformità mal-impenn tal-koleġiżlaturi espress fid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} u d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b}, is-setturi kollha tal-ekonomija huma meħtieġa jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂). Għal dan l-għan qed isiru, u għandhom ikunu mħeġġa, sforzi sabiex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi internazzjonali permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), bl-għan li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni ċar tal-OMI għal miżuri tal-politika dwar il-klima biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-tbaħħir f'livell globali. L-adozzjoni ta' miri ċari biex jitnaqqsu l-emissjonijiet marittimi internazzjonali permezz tal-OMI saret kwistjoni ta' urġenza kbira u prerekwiżit għall-Unjoni biex ma tieħux azzjoni ulterjuri dwar l-inklużjoni tas-settur marittimu fi ħdan l-EU ETS. Jekk, madankollu, tali ftehim ma jintlaħaqx sa tmiem l-2021, is-settur għandu jiġi inkluż taħt l-EU ETS u għandu jiġi stabbilit fond għall-kontribuzzjonijiet tal-operaturi tal-vapuri u għall-konformità kollettiva b'rabta mal-emissjonijiet tas-CO₂ diġà

koperti mis-sistema tal-Unjoni għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (is-sistema MRV) stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1c} (emissjonijiet rilaxxati f'portijiet tal-Unjoni u matul vjaġġi lejn u minn dawn il-portijiet). Sehem mid-dħul mill-irkantar tal-kwoti lis-settur marittimu għandu jintuża biex titjeb l-effiċjenza fl-enerġija u jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 fis-settur marittimu, inklużi t-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet.

^{1a}*Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).*

^{1b}*Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).*

^{1c}*Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).*

Emenda 143

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) ***Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li***

Emenda

(3) EU ETS riformata li tiffunzjona sew

EU ETS riformata li tiffunzjona sew bi strument biex jistabbilizza s-suq *sejra tkun l-istrument ewlieni Ewropew* biex tintlaħaq din il-mira, b'fattur ta' tnaqqis annwali ta' 2,2 % mill-2021 'il quddiem, bl-allokazzjoni bla ħlas li ma *tiskadiex* iżda bil-miżuri *eżistenti* li jkomplu wara l-2020 għall-prevenzjoni tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-politika dwar *it-tibdil fil-klima*, sakemm ma jitwettqux sforzi komparabbli f'ekonomiji oħra ewlenin, *mingħajr ma jitnaqqas is-sehem ta' kwoti li jridu jiġu rkantati*. Is-sehem tal-irkant għandu jkun espress b'ħala figura perċentwali fil-leġiżlazzjoni, biex tittejjeb iċ-ċertezza tal-ippjanar fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' investment, biex tiżdied it-trasparenza *u sabiex* is-sistema globali ssir aktar sempliċi u faċli tifhimha.

bi strument *imsaħħaħ* biex jistabbilizza s-suq *se jkun l-istrumenti ewlenin Ewropej* biex tintlaħaq din il-mira, b'fattur ta' tnaqqis annwali ta' 2,2 % mill-2021 'il quddiem, bl-allokazzjoni bla ħlas li ma *tiskadix* iżda bil-miżuri li jkomplu wara l-2020 għall-prevenzjoni tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-politika dwar *il-klima*, sakemm ma jitwettqux sforzi komparabbli f'ekonomiji oħra ewlenin. Is-sehem tal-irkant għandu jkun espress b'ħala figura perċentwali fil-leġiżlazzjoni, *li għandha titnaqqas bl-applikazzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni transsettorjali* biex tittejjeb iċ-ċertezza tal-ippjanar fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' investment, biex tiżdied it-trasparenza, *biex* is-sistema globali ssir aktar sempliċi u faċli tifhimha, *u biex dawk is-setturi l-iktar f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jiġu protetti minn fattur ta' korrezzjoni transsettorjali. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinżammu taħt rieżami b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u għandhom jiġu aġġustati kif xieraq jekk dan ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Unjoni b'rabta mat-tibdil fil-klima skont dak il-ftehim.*

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima u huma responsabbli biss għal livelli baxxi ħafna ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, għandha tingħata prijorità partikolari sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-LDCs billi l-kwoti tal-EU ETS jintużaw sabiex tiġi ffinanzjata azzjoni klimatika, b'mod partikolari b'rabta mal-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex ttipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli liċ-ċittadini tagħha. L-ilħuq ta' dan jeħtieġ kontinwazzjoni tal-azzjoni klimatika ambizzjuża bl-EU ETS bħala l-pedament tal-politika dwar it-tibdil fil-klima ***tal-Ewropa***, u progress fuq l-aspetti l-oħra tal-Unjoni tal-Energija¹⁷. L-implimentazzjoni tal-ambizzjoni deċiża fil-qafas għall-2030 ***tikkontribwixxi*** għat-twassil ta' prezz tal-karbonju sinifikanti u ***l-kontinwazzjoni*** tal-istimulazzjoni tat-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

¹⁷COM(2015)80, li tistabbilixxi Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem

Emenda

(4) Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex ttipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli liċ-ċittadini ***u lill-industriji*** tagħha. L-ilħuq ta' dan jeħtieġ kontinwazzjoni tal-azzjoni klimatika ambizzjuża bl-EU ETS bħala l-pedament tal-politika dwar it-tibdil fil-klima ***tal-Unjoni***, u progress fuq l-aspetti l-oħra tal-Unjoni tal-Energija¹⁷. ***Jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-interazzjoni tal-EU ETS ma' politiki nazzjonali u tal-Unjoni oħrajn dwar il-klima u l-enerġija li għandhom impatt fuq id-domanda għall-kwoti tal-EU ETS.*** L-implimentazzjoni tal-ambizzjoni deċiża fil-qafas għall-2030 ***u l-indirizzar adegwat tal-progress f'aspetti oħra tal-Unjoni tal-Enerġija jikkontribwixxu*** għat-twassil ta' prezz tal-karbonju sinifikanti u ***għall-kontinwazzjoni*** tal-istimulazzjoni tat-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

¹⁷COM(2015)80, li tistabbilixxi Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Jekk tiżdied l-ambizzjoni ta'

effiċjenza fl-enerġija apparagun tal-mira ta' 27 % adottata mill-Kunsill, dan għandu jirriżulta f'iktar kwoti mingħajr ħlas għas-setturi tal-industrija f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-politika tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, fuq il-bażi ta' dan, id-Direttiva 2003/87/KE ttipprovdi għal tranżizzjoni lejn irkantar sħiħ maż-żmien. L-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija ġustifikazzjoni biex ***tiġi posposta t-tranżizzjoni sħiħa***, u l-allokazzjoni bla ħlas u mmirata tal-kwoti lill-industrija hija ġġustifikata sabiex jiġu indirizzati r-riskji ġenwini ta' żidiet fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiżi terzi fejn l-industrija mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet tal-karbonju komparabbli sakemm miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima komparabbli ma jitwettqux minn ekonomiji ewlenin oħra.

Emenda

(5) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-politika tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, fuq il-bażi ta' dan, id-Direttiva 2003/87/KE ttipprovdi għal tranżizzjoni lejn irkantar sħiħ maż-żmien. L-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija ġustifikazzjoni biex ***jiġi pospost temporanjament l-irkantar sħiħ***, u l-allokazzjoni bla ħlas u mmirata tal-kwoti lill-industrija hija ***eċċezzjoni*** ġġustifikata ***mill-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas, sakemm ma jkun hemm l-ebda allokazzjoni żejda***, sabiex jiġu indirizzati r-riskji ġenwini ta' żidiet fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiżi terzi fejn l-industrija mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet tal-karbonju komparabbli sakemm miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima komparabbli ma jitwettqux minn ekonomiji ewlenin oħra. ***Għal dak l-għan, l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għandha tkun iżjed dinamika bi qbil mas-sollijiet previsti f'din id-Direttiva.***

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-irkantar tal-kwoti ***tibqa'*** r-regola ġenerali, bl-allokazzjoni bla ħlas bħala l-

Emenda

(6) L-irkantar tal-kwoti ***għadu*** r-regola ġenerali, bl-allokazzjoni bla ħlas bħala l-

eċċezzjoni. Konsegwentement, *u kif ikkonfermat mill-Kunsill Ewropew*, is-sehem tal-kwoti li jrid jiġi rkantat, li **kien** 57 % matul il-perjodu mill-**2013** sal-**2020**, ma għandux jitnaqqas. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni¹⁸ tagħti dettalji dwar is-sehem tal-irkant u tispeċifika li dan is-sehem ta' 57 % huwa magħmul **mill-kwoti** rkantati fisem l-Istati Membri, inklużi l-kwoti miżmuma għal dawk li jidħlu ġodda iżda mhux allokat, il-kwoti għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'ċerti Stati Membri u **l-kwoti** li jridu jiġu rkantati aktar 'il quddiem minħabba t-tqegħid tagħhom fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċizzjoni (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹.

¹⁸ **SEC(2015)XX**

¹⁹Id-Deċizzjoni (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tal-...** li tikkonċerna l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet u li t**Emenda** d-Direttiva 2003/87/KE (**ĠU L [...], [...], p. [...]**).

eċċezzjoni. Konsegwentement, is-sehem tal-kwoti li jrid jiġi rkantat, li jenħtieġ **ikun** 57 % matul il-perjodu mill-**2021** sal-**2030**, jenħtieġ jitnaqqas **mal-applikazzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni transsettorjali biex jipproteġi dawk is-setturi l-aktar esposti għar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju**. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tagħti dettalji dwar is-sehem tal-irkant u tispeċifika li dan is-sehem ta' 57 % huwa magħmul **minn kwoti** rkantati fisem l-Istati Membri, inklużi l-kwoti miżmuma għal dawk li jidħlu ġodda iżda mhux allokat, il-kwoti għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'ċerti Stati Membri u l-kwoti li jridu jiġu rkantati aktar 'il quddiem minħabba t-tqegħid tagħhom fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċizzjoni (UE) 2015/**1814** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹. Jenħtieġ **jiġi stabbilit Fond ta' Tranżizzjoni ġust biex jappoġġa r-reġjuni b'sehem kbir ta' ħaddiema f'setturi li jiddependu mill-faħam u b'PDG per capita ħafna inqas mill-medja tal-Unjoni**.

¹⁹Id-Deċizzjoni (UE) 2015/**1814** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tas-6 ta' Ottubru 2015** dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (**ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1**).

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex jiġi ppreservat il-benefiċċju ambjentali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-Unjoni filwaqt li l-azzjonijiet minn pajjiżi

Emenda

(7) Sabiex jiġi ppreservat il-benefiċċju ambjentali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-Unjoni filwaqt li l-azzjonijiet minn pajjiżi

oħra ma jagħtux inċentivi komparabbli lill-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet, l-allokazzjoni bla ħlas għandha tkompli għall-installazzjonijiet fis-setturi u s-sottosetturi bir-riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-esperjenza miġbura matul it-tħaddim tal-EU ETS ikkonfermat li s-setturi u s-sottosetturi huma fir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sa livelli differenti, u li l-allokazzjoni bla ħlas ippreveniet ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li ċerti setturi u sottosetturi jistgħu jitmiezu f'riskju oġġa ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, oħrajn jistgħu jgħaddu sehem konsiderevoli tal-ispejjeż tal-kwoti biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom fil-prezzijiet tal-prodotti mingħajr ma jgħidfu s-sehem fis-suq u jgħarrbu biss il-parti li jifdal tal-ispejjeż u għalhekk huma f'riskju baxx ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina u tiddifferenzja s-setturi rilevanti abbażi tal-intensità tal-kummerċ u l-intensità tal-emissjonijiet tagħhom biex tidentifika aħjar is-setturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fejn, abbażi ta' dawn il-kriterji, jinqabeż livell limitu iddeterminat filwaqt li itmiezu il-possibbiltà rispettiva għas-setturi u s-sottosetturi kkonċernati li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti, is-settur jew is-sottosettur għandhom jitmiezu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Oħrajn għandhom jitmiezu f'riskju baxx jew fl-ebda riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kunsiderazzjoni tal-possibbiltajiet għas-setturi u s-sottosetturi barra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti għandha tnaqqas ukoll il-qliġ mhux mistenni.

oħra ma jagħtux inċentivi komparabbli lill-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet, l-allokazzjoni bla ħlas għandha tkompli **temporanjament** għall-installazzjonijiet fis-setturi u s-sottosetturi bir-riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-esperjenza miġbura matul it-tħaddim tal-EU ETS ikkonfermat li s-setturi u s-sottosetturi huma fir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sa livelli differenti, u li l-allokazzjoni bla ħlas ippreveniet ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li ċerti setturi u sottosetturi jistgħu jitmiezu f'riskju oġġa ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, oħrajn jistgħu jgħaddu sehem konsiderevoli tal-ispejjeż tal-kwoti biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom fil-prezzijiet tal-prodotti mingħajr ma jgħidfu s-sehem fis-suq u jgħarrbu biss il-parti li jifdal tal-ispejjeż u għalhekk huma f'riskju baxx ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina u tiddifferenzja s-setturi rilevanti abbażi tal-intensità tal-kummerċ u l-intensità tal-emissjonijiet tagħhom biex tidentifika aħjar is-setturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fejn, abbażi ta' dawn il-kriterji, jinqabeż livell limitu iddeterminat filwaqt li itmiezu il-possibbiltà rispettiva għas-setturi u s-sottosetturi kkonċernati li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti, is-settur jew is-sottosettur għandhom jitmiezu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Oħrajn għandhom jitmiezu f'riskju baxx jew fl-ebda riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kunsiderazzjoni tal-possibbiltajiet għas-setturi u s-sottosetturi barra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti għandha tnaqqas ukoll il-qliġ mhux mistenni. ***Ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'setturi u sottosetturi li għalihom l-allokazzjoni bla ħlas tiġi kkalkulata abbażi tal-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku għandhom jiġu vvalutati wkoll fid-dawl tal-fatt li***

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku fis-setturi kkonċernati u sabiex dawn jiġu aġġustati għall-perjodu rilevanti tal-allokazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjonijiet bla ħlas lill-installazzjonijiet, iddeterminati fuq il-bażi tad-dejta mis-snin 2007-8, jiġu aġġornati b'konformità mat-titjib medju osservat. Għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, dan għandu jitwettaq permezz tal-applikazzjoni ta' fattur li jirrappreżenta ***l-aħjar valutazzjoni*** tal-progress fis-setturi, li mbagħad għandha tikkunsidra dejta robusta, oġġettiva u verifikata mill-installazzjonijiet sabiex is-setturi li r-rata ta' titjib tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli minn dan il-fattur ikollhom valur tal-parametru referenzjarju li jqarreb iżjed ir-rata ta' titjib attwali tagħhom. Fejn id-dejta turi differenza mit-tnaqqis tal-fattur li ***hija*** ogħla jew aktar baxxa ***minn 0,5% tal-valur tal-2007-8 fis-sena*** matul il-perjodu rilevanti, il-valur tal-parametru referenzjarju relatat għandu jkun aġġustat b'dak il-perċentwal. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni tal-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku fir-raffineriji u l-impjanti kimiċi, il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku għandhom ikompli jkunu allinjati mal-parametri referenzjarji tar-raffineriji.

Emenda

(8) Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku fis-setturi kkonċernati u sabiex dawn jiġu aġġustati għall-perjodu rilevanti tal-allokazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjonijiet bla ħlas lill-installazzjonijiet, iddeterminati fuq il-bażi tad-dejta mis-snin 2007 ***u 2008***, jiġu aġġornati b'konformità mat-titjib medju osservat. Għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, dan għandu jitwettaq permezz tal-applikazzjoni ta' fattur li jirrappreżenta ***l-valutazzjoni reali*** tal-progress ***mill-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti*** fis-setturi, li mbagħad għandha tikkunsidra dejta robusta, oġġettiva u verifikata mill-installazzjonijiet sabiex is-setturi li r-rata ta' titjib tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli minn dan il-fattur ikollhom valur tal-parametru referenzjarju li jqarreb iżjed ir-rata ta' titjib attwali tagħhom. Fejn id-dejta turi differenza mit-tnaqqis tal-fattur ***ta' iktar minn 1,75 % tal-valur li jikkorrispondi għas-snin 2007 u 2008*** (ogħla jew aktar baxxa) ***fis-sena matul il-perjodu rilevanti, il-valur tal-parametru referenzjarju relatat għandu jkun aġġustat b'dak il-perċentwal. Fejn, madankollu, id-dejta turi rata ta' titjib ta' 0,25 jew anqas matul il-perjodu rilevanti, il-valur tal-parametru referenzjarju relatat għandu jkun aġġustat b'dak il-perċentwal.*** Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni tal-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku fir-raffineriji u l-impjanti kimiċi, il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-

idroġenu u l-gass sintetiku għandhom ikompli jkunu allinjati mal-parametri referenzjarji tar-raffineriji.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) ***L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw parzjalment, skont ir-regoli tal-ghajjnuna mill-Istat, ċerti installazzjonijiet fis-setturi jew sottosetturi li ġew iddeterminati li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. Il-Protokoll u d-deċiżjonijiet ta' akkumpanjament adottati mill-Konferenza tal-Partijiet f'Pariġi jeħtieġu jipprovdgħall-mobilizzazzjoni dinamika tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-bini tal-kapaċitajiet għall-Partijiet eliġibbli, b'mod partikolari dawk bl-inqas kapaċitajiet.*** Il-finanzjament mingħand is-settur pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jkompli jaqdi rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi wara l-2020. Għalhekk, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti ***tal-klima***. L-ammont ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima li jrid jiġi mmobilizzat se jiddependi wkoll fuq l-ambizzjoni u l-kwalità ***tal-kontributi maħsuba determinati fil-livell nazzjonali (INDCs)*** proposti, il-pjanijiet ta' investiment sussegwenti u l-proċessi ta' ppjanar għall-adattament nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul mill-irkantar għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-rilokazzjoni tal-ħaddiema affettwati

Emenda

(9) ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkumpensaw parzjalment, permezz ta' sistema ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni, ċerti installazzjonijiet fis-setturi jew sottosetturi li ġew iddeterminati li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. Il-finanzjament mingħand is-settur pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jkompli jaqdi rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi wara l-2020. Għalhekk, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti ***tat-tibdil fil-klima***. L-ammont ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima li jrid jiġi mmobilizzat se jiddependi wkoll fuq l-ambizzjoni u l-kwalità ***tal-INDCs*** proposti, il-pjanijiet ta' investiment sussegwenti u l-proċessi ta' ppjanar għall-adattament nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ***jindirizzaw ukoll l-aspetti soċjali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom u*** jużaw id-dħul mill-irkantar għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-rilokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni. ***Għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jżidu mal-kumpens mogħti permezz tas-sistema ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni. Tali******

mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni.

miżuri finanzjarji m'għandhomx jaqbu l-livelli msemmija fil-linji gwida rilevanti dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-inċentiv ewlieni fuq terminu twil minn din id-Direttiva għall-qbid u l-ħżin ***tad-diossidu*** tal-karbonju (CCS), teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju huwa s-sinjal tal-prezz tal-karbonju li toħloq u li l-kwoti ma jkunux jeħtieġu li jiġu ċeduti għal emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju li jinħażnu b'mod permanenti jew jiġu evitati. Barra minn hekk, sabiex ikunu ssupplimentati r-riżorsi li diġà qed jintużaw biex jaċċelleraw id-dimostrazzjoni ta' faċilitajiet tas-CCS kummerċjali u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, il-kwoti tal-EU ETS għandhom jintużaw biex jagħtu gwadanji ggarantiti għall-iskjerament tal-faċilitajiet tas-CCS, teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u innovazzjoni industrijali fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fl-Unjoni għal diossidu tal-karbonju maqbud jew evitat fuq skala suffiċjenti, sakemm ikun hemm ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-ġharfien. Il-maġġoranza ta' dan l-appoġġ għandha tiddependi fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li ċertu appoġġ jista' jingħata meta jintlaħqu ċerti tragwardi predeterminati filwaqt li tiġi kkunsiderata t-teknoloġija skjerata. Il-perċentwal massimu tal-ispejjeż tal-proġetti li jridu jiġu appoġġjati jista' jvarja skont il-kategorija ta' proġett.

Emenda

(10) L-inċentiv ewlieni fuq terminu twil minn din id-Direttiva għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) ***u l-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU)***, teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju huwa s-sinjal tal-prezz tal-karbonju li toħloq u li l-kwoti ma jkunux jeħtieġu li jiġu ċeduti għal emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju li jinħażnu b'mod permanenti jew jiġu evitati. Barra minn hekk, sabiex ikunu ssupplimentati r-riżorsi li diġà qed jintużaw biex jaċċelleraw id-dimostrazzjoni ta' faċilitajiet tas-CCS ***u tas-CCU*** kummerċjali u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, il-kwoti tal-EU ETS għandhom jintużaw biex jagħtu gwadanji ggarantiti għall-iskjerament tal-faċilitajiet tas-CCS ***u tas-CCU***, teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u innovazzjoni industrijali fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fl-Unjoni għal diossidu tal-karbonju maqbud jew evitat fuq skala suffiċjenti, sakemm ikun hemm ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-ġharfien. Il-maġġoranza ta' dan l-appoġġ għandha tiddependi fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li ċertu appoġġ jista' jingħata meta jintlaħqu ċerti tragwardi predeterminati filwaqt li tiġi kkunsiderata t-teknoloġija skjerata. Il-perċentwal massimu tal-ispejjeż tal-proġetti li jridu jiġu appoġġjati jista' jvarja skont il-kategorija ta' proġett.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Għandu jiġi stabbiliti Fond għall-Modernizzazzjoni mit-2 % tal-kwoti totali tal-EU ETS, u għandu jiġi rkantat skont ir-regoli u l-modalitajiet għall-irkanti li jseħħu fuq il-Pjattaforma Komuni tal-Irkant stabbilita fir-Regolament 1031/2010. L-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita skont ir-rati tal-kambju tas-suq ta' inqas minn 60 % taħt il-medja tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond għall-Modernizzazzjoni ***u jingħataw deroga*** sal-2030 mill-prinċipju ta' rkantar sħiħ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku billi jużaw l-għażla ta' allokazżjoni bla ħlas sabiex jippromwovu b'mod trasparenti l-investimenti reali li jimmodernizzaw is-settur tal-enerġija tagħhom filwaqt li jevitaw distorsjonijiet tas-suq tal-enerġija intern. Ir-regoli għall-kontroll tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti, komprensiv u trasparenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni l-aktar effiċjenti possibbli, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li l-parteċipanti kollha jkollhom aċċess faċli. ***Il-funzjoni tal-istruttura ta' governanza għandha tkun proporzjonata*** bl-iskop li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi. L-istruttura ta' governanza għandha tkun komposta minn bord għall-investimenti u kumitat ta' ġestjoni ***u*** għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-kompetenzi tal-BEI fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm ma jingħatax appoġġ lil proġetti żgħar permezz ta' self minn banek promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet permezz ta' programm nazzjonali li jikkondividi l-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-investimenti ffinanzjati permezz tal-fond għandhom ikunu proposti mill-Istati Membri. Sabiex ikun żgurat li l-ħtiġijiet ta' investiment fl-

Emenda

(11) Għandu jiġi stabbiliti Fond għall-Modernizzazzjoni mit-2 % tal-kwoti totali tal-EU ETS, u għandu jiġi rkantat skont ir-regoli u l-modalitajiet għall-irkanti li jseħħu fuq il-Pjattaforma Komuni tal-Irkant stabbilita fir-Regolament ***(UE)*** ***Nru*** 1031/2010. L-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita skont ir-rati tal-kambju tas-suq ta' inqas minn 60 % taħt il-medja tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond għall-Modernizzazzjoni. ***L-Istati Membri li fl-2014 kellhom PDG per capita f'EUR bi prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu,*** sal-2030, ***jidderogaw*** mill-prinċipju ta' rkantar sħiħ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku billi jużaw l-għażla ta' allokazżjoni bla ħlas sabiex jippromwovu b'mod trasparenti l-investimenti reali li jimmodernizzaw ***u jiddiversifikaw*** is-settur tal-enerġija tagħhom, ***skont l-għanijiet tal-Unjoni għall-2030 u l-2050 dwar il-klima u l-enerġija,*** filwaqt li jevitaw distorsjonijiet tas-suq tal-enerġija intern. Ir-regoli għall-kontroll tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti, komprensiv u trasparenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni l-aktar effiċjenti possibbli, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li l-parteċipanti kollha jkollhom aċċess faċli. ***Dawn ir-regoli għandhom ikunu trasparenti, ibbilanċjati u proporzjonati*** bl-iskop li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi. L-istruttura ta' governanza għandha tkun komposta minn bord għall-investimenti, ***bord konsultattiv*** u kumitat ta' ġestjoni. Għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-kompetenzi tal-BEI fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm ma jingħatax appoġġ lil proġetti żgħar permezz ta' self minn banek promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet permezz ta' programm

Istati Membri bi dħul baxx ikunu indirizzati kif xieraq, id-distribuzzjoni tal-fondi għandha tikkunsidra f'ishma ugwali l-emissjonijiet verifikati u l-kriterji tal-PDG. L-għajnuna finanzjarja mill-Fond għall-Modernizzazzjoni tista' tingħata permezz ta' forom differenti.

nazzjonali li jikkondividi l-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-investimenti f'finanzjati permezz tal-fond għandhom ikunu proposti mill-Istati Membri ***u kwalunkwe finanzjament mill-Fond għandu jikkonforma ma' kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà***. Sabiex ikun żgurat li l-ħtiġijiet ta' investiment fl-Istati Membri bi dħul baxx ikunu indirizzati kif xieraq, id-distribuzzjoni tal-fondi għandha tikkunsidra f'ishma ugwali l-emissjonijiet verifikati u l-kriterji tal-PDG. L-għajnuna finanzjarja mill-Fond għall-Modernizzazzjoni tista' tingħata permezz ta' forom differenti.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li l-modalitajiet, inkluża t-trasparenza, tal-allokazzjoni bla ħlas mhux obligatorja għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija f'ċerti Stati Membri għandhom jittejjbu. L-investimenti b'valur ta' EUR10 miljun jew iżjed għandhom jintgħażlu mill-Istat Membru kkonċernat permezz ta' proċess ta' offerti kompetittivi fuq il-bażi ta' regoli ċari u trasparenti biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni bla ħlas tintuża biex tippromwovi investimenti reali għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija b'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun ukoll għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-allokazzjoni bla ħlas. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħżel investimenti b'hal dawn fuq il-bażi ta' kriterji ċari u trasparenti. ***Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika.*** Il-pubbliku għandu jkun informat kif dovut fl-istadju tal-għażla tal-proġetti ta' investiment kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tagħhom.

Emenda

(12) Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li l-modalitajiet, inkluża t-trasparenza, tal-allokazzjoni bla ħlas mhux obligatorja għall-immodernizzar ***u d-diversifikazzjoni*** tas-settur tal-enerġija f'ċerti Stati Membri għandhom jittejjbu. L-investimenti b'valur ta' EUR10 miljun jew iżjed għandhom jintgħażlu mill-Istat Membru kkonċernat permezz ta' proċess ta' offerti kompetittivi fuq il-bażi ta' regoli ċari u trasparenti biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni bla ħlas tintuża biex tippromwovi investimenti reali għall-immodernizzar ***jew id-diversifikazzjoni*** tas-settur tal-enerġija b'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, ***inkluż l-għan tal-promozzjoni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija.*** Investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun ukoll għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-allokazzjoni bla ħlas. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħżel investimenti b'hal dawn fuq il-bażi ta' kriterji ċari u trasparenti. ***Il-proċess ta' għażla għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni pubblika u r-riżultati ta' tali proċess ta' għażla, inklużi l-proġetti rrifjutati, għandhom jiġiqieghdu għad-dispożizzjoni tal-***

*pubbliku. Il-pubbliku għandu jkun informat kif dovut fl-istadju tal-għażla tal-proġetti ta' investiment kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tagħhom. **L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jittrasferixxu, parzjalment jew kompletament, il-kwoti korrispondenti lill-Fond għall-Modernizzazzjoni jekk ikunu eliġibbli biex jużaw iż-żewġ strumenti. Id-deroga għandha tintemm sa tmiem il-perjodu ta' negozjar fl-2030.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-finanzjament tal-EU ETS għandu jkun koerenti ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inklużi ***l-Fondi Strutturali*** u ta' Investiment Ewropej, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tan-nefqa pubblika.

Emenda

(13) Il-finanzjament tal-EU ETS għandu jkun koerenti ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inklużi ***Orizzont 2020, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Fondi Strutturali*** u ta' Investiment Ewropej ***u l-Istrateġija dwar il-Klima tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)***, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tan-nefqa pubblika.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Id-dispożizzjonijiet eżistenti li huma fis-seħħ għal installazzjonijiet żgħar li għandhom jiġu esklużi mill-EU ETS ***jippermettu lill-installazzjonijiet li huma esklużi li jibqgħu tali***, u għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jaġġornaw il-lista tagħhom ta' installazzjonijiet esklużi u għall-Istati Membri li fil-preżent mhux qed jużaw din l-għażla biex jagħmlu hekk fil-bidu ta' kull perjodu ta' negozjar.

Emenda

(14) Id-dispożizzjonijiet eżistenti li huma fis-seħħ għal installazzjonijiet żgħar li għandhom jiġu esklużi mill-EU ETS ***għandhom jiġu estiżi biex ikopru installazzjonijiet imħaddma minn intrapriżi żgħar u medji (SMEs) b'emissjonijiet ta' inqas minn 50 000 tonnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 f'kull waħda mit-tliet snin ta' qabel is-sena tal-applikazzjoni għall-esklużjoni.*** Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri

li jaġġornaw il-lista ta' tagħhom ta' installazzjonijiet esklużi u għall-Istati Membri li fil-preżent mhux qed jużaw din l-għażla biex jaġmlu hekk fil-bidu ta' kull perjodu ta' negozjar *u f'nofs il-perjodu*. *Għandu jkun possibbli wkoll li l-installazzjonijiet li jipproduċu anqas minn 5 000 tonnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 f'kull waħda mit-tliet snin ta' qabel il-bidu ta' kull perjodu ta' negozjar li jkunu esklużi mill-EU ETS, b'soġġett għal reviżjoni kull ħames snin. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri alternattivi ekwivalenti għall-installazzjonijiet li għażlu li jibqgħu barra ma jirriżultawx fi spiża ta' konformità ikbar. Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għandhom jiġu ssimplifikati għal emittenti żgħar koperti bl-EU ETS.*

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Sabiex jitnaqqas b'mod konsiderevoli l-piż amministrattiv li jiffaċċjaw il-kumpaniji, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibilità li tqis miżuri bħal pereżempju l-awtomatizzar tas-sottomissjoni u l-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, filwaqt li tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) L-atti delegati msemmija fl-Artikoli 14 u 15 għandhom jissimplifikaw ir-regoli ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika kemm jista' jkun sabiex titnaqqas il-burokrazija żejda għall-operaturi. L-att delegat imsemmi fl-Artikolu 19(3) għandu

jiffaċilita l-aċċess għar-reġistru u l-użu tiegħu, speċjalment għall-operaturi ż-żgħar.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Fit-test kollu tad-Direttiva, it-terminu "skema Komunitarja" huwa sostitwit b'"EU ETS" u din is-sostituzzjoni hija akkumpanjata minn kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.

Ġustifikazzjoni

Addattament tekniku.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) Fit-test kollu tad-Direttiva, it-terminu "il-Komunità kollha" huwa sostitwit b'"l-Unjoni kollha";

Ġustifikazzjoni

Addattament tekniku.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1b) Fit-test kollu tad-Direttiva, ħlief fil-każijiet imsemmija fil-punti (-1) u (-1a) u fl-Artikolu 26(2), it-terminu "Komunità" huwa sostitwit b'"Unjoni" u din is-sostituzzjoni hija akkumpanjata minn

*kwalunkwe bidla grammatikali
neċessarja;*

Ġustifikazzjoni

Addattament tekniku.

Emenda 25

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt -1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(-1c) Fit-test kollu tad-Direttiva, il-kliem
"il-proċedura riferita fl-Artikolu 23(2)"
huwa sostitwit bil-kliem "proċedura ta'
eżami msemmija fl-Artikolu 30c(2)";*

Ġustifikazzjoni

Addattament tekniku.

Emenda 26

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 - punt -1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(-1d) Fl-Artikolu 3g, fil-punt (d) tal-
Artikolu 5(1), fil-punt (c) tal-
Artikolu 6(2), fit-tieni subparagrafu tal-
Artikolu 10a(2), fl-Artikolu 14(2), (3) u
(4), fl-Artikolu 19(1) u (4) u fl-
Artikolu 29a(4) il-kelma "regolament"
hija sostitwita bil-kelma "att" u dawn is-
sostituzzjonijiet huma akkumpanjati minn
kwalunkwe bidla grammatikali
neċessarja;*

Ġustifikazzjoni

Addattament tekniku.

Emenda 28

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1f (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt h

Test fis-seħħ

"(h) "istallazzjoni li daħlet ġdida fis-suq" tfisser:

- kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I, li tkun akkwistat permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba, wara t-30 ta' Ġunju **2011**,
- kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività li tiġi inkluża fl-iskema **Komunitarja taħt** l-Artikolu 24(1) jew (2), għall-ewwel darba, jew
- kull istallazzjoni li twettaq attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I jew attività li tiġi inkluża fl-iskema **Komunitarja taħt** l-Artikolu 24(1) jew (2), li kellha estensjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju **2011**, safejn hija kkonċernata din l-estensjoni;"

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1g (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – punt ua (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1f) Fl-Artikolu 3, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) "istallazzjoni li daħlet ġdida fis-suq" tfisser:

- kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I, li tkun akkwistat permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba, wara t-30 ta' Ġunju **2018**,
- kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività li tiġi inkluża fl-iskema **tal-Unjoni skont** l-Artikolu 24(1) jew (2), għall-ewwel darba, jew
- kull istallazzjoni li twettaq attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I jew attività li tiġi inkluża fl-iskema **tal-Unjoni skont** l-Artikolu 24(1) jew (2), li kellha estensjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju **2018**, safejn hija kkonċernata din l-estensjoni;"

(-1g) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(ua) "emittent żgħir" tfisser istallazzjoni b'emissjonijiet baxxi li tkun operata minn intrapriża żgħira jew ta' daqs medju^{1a} u li tissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li

ġejjin:

– l-emissjonijiet medji annwali vverifikati ta' dik l-istallazzjoni rrapportati lill-awtorità kompetenti rilevanti matul il-perjodu ta' negozjar immedjatament qabel il-perjodu ta' negozjar attwali, bl-esklużjoni tas-CO2 li jirriżulta mill-bijomassa u qabel kwalunkwe tnaqqis tas-CO2 trasferit, ikunu inqas minn 50 000 tunnellata ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju fis-sena;

– l-emissjonijiet medji annwali msemija fl-ewwel inċiż ma jkunux disponibbli għal dik l-istallazzjoni jew ma jkunux għadhom applikabbli għal dik l-istallazzjoni minħabba tibdil fil-konfini tal-istallazzjoni jew tibdil fil-kundizzjonijiet operattivi tal-istallazzjoni, imma l-emissjonijiet annwali ta' dik l-istallazzjoni għall-ħames snin li jmiss, bl-esklużjoni tas-CO2 li jirriżulta mill-bijomassa u qabel it-tnaqqis tas-CO2 trasferit, ikunu mistennija li jammontaw għal inqas minn 50 000 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju fis-sena.

^{1a} Kif definit fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1h (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3c – paragrafu 2

Test fis-seħħ

'2. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 13(I) li jibda fl-1 ta' Jannar 2013, u, fin-nuqqas ta' kwalunkwe emenda wara r-reviżjoni msemija fl-Artikolu 30(4), għal kull perijodu sussegwenti, il-kwantità

Emenda

(-1h) Fl-Artikolu 3c, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 13 li jibda fl-1 ta' Jannar 2013, u, fin-nuqqas ta' kwalunkwe emenda wara r-reviżjoni msemija fl-Artikolu 30(4), għal kull perijodu sussegwenti, il-kwantità totali tal-

totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandha tkun ekwivalenti għal 95 % tal-emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perijodu.

kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandha tkun ekwivalenti għal 95 % tal-emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perijodu.

Il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-2021 għandha tkun 10 % anqas mill-allokkazzjoni medja għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016, u mbagħad tonqos kull sena bl-istess rata bħal dik tal-limitu massimu totali tal-EU ETS imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1), sabiex il-limitu massimu għas-settur tal-avjazzjoni jsir aktar konformi mas-setturi l-oħra tal-EU ETS sal-2030.

Għall-attivitajiet tal-avjazzjoni minn u lejn ajrudromi li jinsabu barra ż-ŻEE, il-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu allokati mill-2021 il quddiem tista' tiġi aġġustata b'kont meħud tal-mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq futur li ntlaħaq qbil dwaru fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fid-39 assemblea tagħha. Sal-2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dawk l-attivitajiet wara l-40 assemblea tal-ICAO.

Dan il-persentaġġ jista' jkun rivedut bħala parti mir-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva.

Dan il-persentaġġ jista' jkun rivedut bħala parti mir-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1i (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3c – paragrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

(-1i) Fl-Artikolu 3c(4), l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

Dik id-deċiżjoni għandha tiġi kkunsidrata
fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23(1).

Dik id-deċiżjoni għandha tiġi kkunsidrata
fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 30c(1).

Ġustifikazzjoni

Addattament tekniku.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1j (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3d – paragrafu 2

Test fis-seħħ

"2. Mill-1 ta' Jannar **2013**, **15** % tal-
kwoti għandhom ikunu rkantati. ***Dan il-
persentaġġ jista' jiġi miżjud, bħala parti
mill-reviżjoni ġenerali ta' din id-
Direttiva.***"

Emenda

***(-1j) Fl-Artikolu 3d, il-paragrafu 2 huwa
sostitwit b'dan li ġej:***

"2. Mill-1 ta' Jannar **2021**, **50** % tal-
kwoti għandhom ikunu rkantati."

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3d – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Fl-Artikolu 3d(3), it-tieni
subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:
"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa
li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23".

Emenda

(1) Fl-Artikolu 3d, il-paragrafu 3 huwa
sostitwit b'dan li ġej:
"**3.** Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li
tadotta atti delegati, skont l-Artikolu **30b**,
***biex tissupplimenta din id-Direttiva billi
tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati
għall-irkantar mill-Istati Membri tal-
kwoti li mhux meħtieġa jinħarġu bla ħlas
skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu
jew l-Artikolu 3f(8). In-numru ta' kwoti li
għandhom jiġu rkantati f'kull perijodu***"

minn kull Stat Membru għandu jkun proporzjonat għas-sehem tiegħu tat-total tal-emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni tal-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rrappurtati skont l-Artikolu 14(3) u vverifikati skont l-Artikolu 15. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 3c(1), is-sena ta' referenza għandha tkun l-2010 u għal kull perijodu sussegwenti msemmi fl-Artikolu 3c is-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xahar qabel il-bidu tal-perijodu li għalih jirreferi l-irkant."

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

"4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir mid-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni. Dak id-dħul għandu jintuża biex jitratta t-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, inter alia biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, biex ikunu adattati l-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, inkluż b'mod partikolari fl-oqsma tal-aeronawtika u tat-trasport bl-ajru, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet permezz ta' mezzi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi, u biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-iskema **Komunitarja. Id-dħul mill-bejgħ bl-irkant **għandu** jintuża wkoll sabiex jifinanzja kontribuzzjonijiet għall-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u**

Emenda

(1a) Fl-Artikolu 3d(4), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-dħul **kollu jrid** jintuża biex jitratta t-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, inter alia biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, biex ikunu adattati l-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, inkluż b'mod partikolari fl-oqsma tal-aeronawtika u tat-trasport bl-ajru, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet permezz ta' mezzi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi, u biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-iskema **tal-Unjoni**. Id-dħul mill-bejgħ bl-irkant **jista'** jintuża wkoll sabiex jifinanzja kontribuzzjonijiet għall-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni. "

għall-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri
biex tiġi evitata d-deforestazzjoni. '

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikol 1, punt 1b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3e – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

(1b) Fl-Artikolu 3e, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"1a. Mill-2021 'il quddiem, ma għandha tingħata l-ebda kwota bla ħlas skont din id-Direttiva lis-settur tal-avjazzjoni sakemm din ma tkunx ikkonfermata b'deċiżjoni sussegwenti adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, peress li r-Riżoluzzjoni tal-ICAO A-39/3 tipprevedi li mill-2021 tibda tapplika miżura globali bbażata fuq is-suq. F'dan ir-rigward, il-koleġiżlaturi għandhom iqisu l-interazzjoni bejn dik il-miżura bbażata fuq is-suq u l-EU ETS."

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Kapitolu IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU IIa

**L-inklużjoni tat-trasport bil-baħar fin-
nuqqas ta' progress fil-livell
internazzjonali**

Artikolu 3ga

Introduzzjoni

Mill-2021, fin-nuqqas ta' sistema komparabbli li topera taħt l-OMI, l-emissjonijiet tas-CO2 li jseħħu fil-portijiet tal-Unjoni u matul vjaġġi lejn u minn portijiet tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni permezz tas-sistema stabbilita f'dan il-Kapitolu, li għandha tkun operattiva mill-2023.

Artikolu 3gb

Kamp ta' applikazzjoni

Sal-1 ta' Jannar 2023, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-ħruġ tal-kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO2 minn vapuri li jkun f'portijiet, li jaslu f'portijiet jew li jtilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru b'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/757. L-Artikoli 12 u 16 għandhom japplikaw għall-attivitajiet marittimi bl-istess mod bħal għal attivitajiet oħrajn.

Artikolu 3gc

Kwoti żejda għas-settur marittimu

Sal-1 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 30b sabiex tissupplemeta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-kwantità totali ta' kwoti għas-settur marittimu b'konformità ma' setturi oħra, il-metodu ta' allokazzjoni ta' kwoti għal dak is-settur permezz tal-irkantar u d-dispożizzjonijiet speċjali rigward l-Istat Membru li jamministra. Meta s-settur marittimu jiġi inkluż fl-EU ETS, l-ammont totali ta' kwoti għandu jiżdied b'dak l-ammont.

20% tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 3gd għandu jintuża permezz tal-fond stabbilit skont dak l-Artikolu ("Il-Fond tal-Klima Marittima") għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u biex jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji innovattivi biex

jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 fis-settur marittimu, inklużi t-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet.

Artikolu 3gd

Fond tal-Klima Marittima

- 1. Għandu jiġi stabbilit fond bl-għan li jikkumpensa għall-emissjonijiet marittimi, itejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u jiffaċilita l-investimenti fit-teknoloġiji innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mis-settur marittimu fil-livell tal-Unjoni.*
- 2. L-operaturi tal-vapuri jistgħu jħallsu, fuq bażi volontarja, kontribuzzjoni ta' sħubija annwali lill-fond, b'konformità mal-emissjonijiet totali tagħhom irrappurtati għas-sena kalendarja preċedenti skont ir-Regolament (UE) 2015/757. B'deroga mill-Artikolu 12(3), il-fond għandu jirrinunzja l-kwoti b'mod kollettiv f'isem l-operaturi ta' vapuri li jkunu membri tal-fond. Il-kontribuzzjoni għal kull tunnellata ta' emissjonijiet għandha tiġi stabbilita mill-fond sat-28 ta' Frar kull sena, u m'għandhiex tkun inqas mil-livell tal-prezz tas-suq għall-kwoti fis-sena preċedenti.*
- 3. Il-fond għandu jikseb kwoti ekwivalenti għall-kwantità totali kollettiva tal-emissjonijiet tal-membri tiegħu waqt is-sena kalendarja preċedenti u jirrinunzjahom fir-reġistru stabbilit fl-Artikolu 19 sat-30 ta' April kull sena għal kanċellazzjoni sussegwenti. Il-kontribuzzjonijiet għandhom isiru pubbliċi.*
- 4. Il-fond għandu jtejjeb ukoll l-effiċjenza fl-enerġija u jiffaċilita l-investimenti fit-teknoloġiji innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju fis-settur marittimu, inklużi t-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet, permezz tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 3gc. L-investimenti kollha appoġġjati mill-fond għandhom ikunu pubbliċi u konsistenti mal-għanijiet ta'*

din id-Direttiva.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b biex tissupplementa din id-Direttiva rigward l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 3ge

Kooperazzjoni internazzjonali

F'każ li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva u jekk ikun xieraq għandha tipproponi emendi sabiex tiżgura allinjament ma' dak il-ftehim internazzjonali."

Emenda 37

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2b (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 5 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Fl-Artikolu 5, subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(da) it-teknoloġiji CCU kollha li se jintużaw fl-istallazzjoni sabiex jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet",

Emenda 38

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2c (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punti ea u eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2c) Fl-Artikolu 6(2), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(ea) ir-rekwiżiti legali kollha dwar ir-responsabbiltà soċjali u r-rapportar sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni ugwali u effettiva ta' regolamenti ambjentali u jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet interessati, inklużi r-rappreżentanti tal-ħaddiema, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali, ikollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha (kif stipulat fil-Konvenzjoni Aarhus u kif implimentat fid-dritt tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż f'din id-Direttiva;

(eb) obbligu li kull sena tiġi ppubblikata informazzjoni komprensiva fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-konformità mad-direttivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; u li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli għar-rappreżentanti tal-ħaddiema u għar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-komunitajiet lokali fil-viċinanza tal-istallazzjoni."

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 2d (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 7

Test fis-seħħ

'l-Artikolu 7

"L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe **bidliet ippjanti** fin-natura jew fl-operazzjoni, jew dwar estensjoni, jew tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità, tal-istallazzjoni li tista' tkun teħtieġ aġġornament tal-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess. Meta jkun hemm tibdil

Emenda

'l-Artikolu 7

(2d) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"**Mingħajr dewmien żejjed**, l-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe **bidla ppjanata** fin-natura jew fl-operazzjoni, jew dwar estensjoni, jew tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità, tal-istallazzjoni li tista' tkun teħtieġ aġġornament tal-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-

fl-identità tal-operatur tal-installazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess **biex tinkludi l-isem u l-indirizz** tal-operatur il-ġdid.

permess. Meta jkun hemm tibdil fl-identità tal-operatur tal-installazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess **bl-informazzjoni rilevanti dwar l-identità u l-kuntatt** tal-operatur il-ġdid."

Emenda 142

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 9 – paragrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni

Sa mill-2021, il-fattur lineari għandu jkun 2,2 %.

Emenda

Sa mill-2021, il-fattur lineari għandu jkun 2,2 % **u għandu jinżamm taħt rieżami bil-ħsieb li jiġdied għal 2,4 %, l-iktar kmieni sal-2024.**

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tliet subparagrafi ġodda huma miżjuda mal-paragrafu 1:

Emenda

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mill-2019 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jirkantaw jew jikkanċellaw il-kwoti li ma jiġux allokat i mingħajr ħlas skont l-Artikoli 10a u 10c u li ma jitqiegħdux fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq."

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Test propost mill-Kummissjoni

Mill-2021 'il quddiem, is-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat **mill-Istati Membri** għandu jkun 57 %.

Emenda

Mill-2021 'il quddiem, is-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat **jew ikkanċellat** għandu jkun 57 %, **u dak is-sehem għandu jonqos b'mhux aktar minn ħames punti perċentwali matul il-perjodu kollu ta' għaxar snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2021 skont l-Artikolu 10a(5). Tali aġġustament għandu jsir biss fis-sura ta' tnaqqis fil-kwoti rkantati skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2. Meta ma jseħħ l-ebda aġġustament jew meta jkun meħtieġa inqas minn ħames punti perċentwali biex isir aġġustament, il-kwantità li jifdal tal-kwoti għandha tiġi kkanċellata. Dan it-tħassir m'għandux jaqbeż il-200 miljun kwota.**

Emenda 43

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 4 – punt a**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

2 % tal-kwantità totali tal-kwoti fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 għandhom ikunu rkantati **biex** jiġi stabbilit fond għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija ta' ċerti Stati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 10d ta' din id-Direttiva ("il-Fond għall-Modernizzazzjoni").

Emenda

2 % tal-kwantità totali tal-kwoti fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 għandhom ikunu rkantati **sabiex** jiġi stabbilit fond għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija ta' ċerti Stati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 10d ta' din id-Direttiva ("il-Fond għall-Modernizzazzjoni"). **Il-kwantità stabbilita f'dan is-subparagrafu għandha tiffirma parti mis-sehem ta' 57 % tal-kwoti li jrid jiġi rkantat kif stabbilit fit-tieni subparagrafu.**

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Barra minn hekk, 3 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jinħarġu bejn l-2021 u l-2030 għandhom jiġu rkantati sabiex jiġu kkompensati setturi jew sotto-setturi esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti effettivament imġarrba b'riżultat ta' spejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku kif stabbilit fl-Artikolu 10a(6) ta' din id-Direttiva. Żewġ terzi tal-kwantità stabbilita f'dan is-subparagrafu għandhom jiffurmaw parti mis-sehem ta' 57 % tal-kwoti li jrid jiġi rkantat kif stabbilit fit-tieni subparagrafu.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mill-1 ta' Jannar 2021 se jinholq Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta biex jikkomplementa l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew u dan għandu jkun iffinanzjat mill-ġbir komuni ta' 2 % tad-dħul mill-

irkant;

Id-dħul minn dawn l-irkantijiet għandu jibqa' fil-livell tal-Unjoni, u għandu jintuża biex jiġu appoġġjati reġjuni li għandhom kemm sehem għoli ta' ħaddiema f'setturi li jiddependu mill-karbonju kif ukoll PDG per capita inqas sew mill-medja tal-Unjoni. Dawn il-miżuri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjeta'.

Id-dħul mill-irkant immirat lejn tranżizzjoni ġusta jista' jintuża f'modi differenti, bħal pereżempju:

- ħolqien ta' ċelluli ta' riallokazzjoni u/jew mobilità,

- inizjattivi ta' edukazzjoni/taħriġ biex il-ħaddiema jitħarrġu mill-ġdid jew itejbu l-ħiliet tagħhom,

- għajnuna fit-tfittxija ta' impjeg,

- ħolqien ta' negozju, u

- miżuri ta' monitoraġġ u miżuri preventivi biex jiġi evitat jew minimizzat l-impatt negattiv tal-proċess ta' ristrutturar fuq is-saħħa fiżika u mentali.

Peress li l-attivitajiet prinċipali li jridu jiġu ffinanzjati mill-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta huma relatati ħafna mas-suq tax-xogħol, is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-ġestjoni tal-fond - abbażi tal-mudell tal-Kumitat tal-Fond Soċjali Ewropew - filwaqt li l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali lokali għandha tkun rekwiżit ewlieni għall-proġetti biex iġibu l-finanzi.

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kwantità totali li jifdal tal-kwoti li jridu

Emenda

Il-kwantità totali li jifdal tal-kwoti li jridu

jigū rkantati mill-Istati Membri għandha tkun distribwita skont il-paragrafu 2.

jigū rkantati mill-Istati Membri, **wara li titnaqqas il-kwantità tal-kwoti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10a(8)**, għandha tkun distribwita skont il-paragrafu 2.

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-1 ta' Jannar 2021, għandhom jiġihassru 800 miljun kwota mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.

Emenda 48

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 4 – punt b – punt ii

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) 10 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jigū rkantati għandhom ikunu distribwiti fost ċerti Stati Membri għal skopijiet ta' solidarjetà u tkabbir fil-Komunità, li jżid l-ammont ta' kwoti li daww l-Istati Membri jirkantaw taħt il-punt (a) bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa.

(b) 10 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jigū rkantati għandhom ikunu distribwiti fost ċerti Stati Membri għal skopijiet ta' solidarjetà u tkabbir fil-Komunità, li jżid l-ammont ta' kwoti li daww l-Istati Membri jirkantaw taħt il-punt (a) bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa. ***Fir-rigward ta' daww l-Istati Membri li huma eliġibbli biex jibbenefikaw mill-Fond għall-Modernizzazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 10d, is-sehem tagħhom tal-kwoti speċifikat fl-Anness IIa għandu jiġi ttrasferit għas-sehem tagħhom fil-Fond għall-Modernizzazzjoni.***

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test fis-seħħ

"3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir **minn dħul ġenerat** mill-irkant ta' kwoti. **Talanqas 50 %** tad-dħul **ġenerat** mill-irkant tal-kwoti **msemmi** fil-paragrafu 2, **inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2**, jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dan id-dħul, **għandhom jiġu użati** għal wieħed jew iżjed minn dan/dawn li ġej/ġejjin:"

Emenda

(ba) fil-paragrafu 3, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir **mid-dħul iġġenerat** mill-irkant ta' kwoti. **100 %** tad-dħul **totali iġġenerat** mill-irkant tal-kwoti **msemmi** fil-paragrafu 2 jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dan id-dħul, **għandu jintuża** għal wieħed jew iżjed minn dan/dawn li ġej/ġejjin:"

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt bb (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test fis-seħħ

"(b) biex jiġu żviluppati enerġiji rinnovabbli biex jissodisfaw l-impenn ***tal-Komunità tal-użu ta' 20 % ta' enerġiji*** rinnovabbli sal-**2020**, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jgħinu fis-sodisfazzjon tal-impenn ***tal-Komunità*** li ***tiżdied*** l-effiċjenza fl-enerġija ***b'20 % sal-2020***;"

Emenda

(bb) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) biex jiġu żviluppati enerġiji rinnovabbli biex jissodisfaw l-impenn ***tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġiji*** rinnovabbli sal-**2030**, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jgħinu fis-sodisfazzjon tal-impenn ***tal-Unjoni*** li, ***sal-2030***, l-effiċjenza fl-enerġija ***tiżdied għal-livelli maqbula fl-atti leġiżlattivi xierqa***;"

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt bc (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt f

Test fis-seħħ

"(f) biex jinkoraġġixxu ċaqliq lejn emissjonijiet baxxi u forom pubbliċi ta' trasport;"

Emenda

(bc) fil-paragrafu 3, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) biex jinkoraġġixxu ċaqliq lejn emissjonijiet baxxi u forom pubbliċi ta' trasport **u jappoġġjaw - sakemm l-ispejjeż tas-CO2 ma jkunux riflessi b'mod simili għal modi oħra tat-trasport bis-superfiċje - modi ta' trasport elettrifikati b'halma huma l-ferroviji jew modi oħra tat-trasport bis-superfiċje elettrifikati b'kont meħud tal-ispejjeż indiretti tagħhom b'rabta mal-UE ETS;**"

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt bd (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt h

Test fis-seħħ

"(h) miżuri maħsuba biex iżidu l-effiċjenza fl-enerġija u l-insulazzjoni jew jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati aspetti soċjali f'familji bi dħul baxx u medju;"

Emenda

(bd) fil-paragrafu 3, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) miżuri maħsuba biex iżidu l-effiċjenza fl-enerġija, **is-sistemi ta' tisħin distrettwali** u l-insulazzjoni jew jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati aspetti soċjali f'familji bi dħul baxx u medju;"

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – sottopunt c

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) għall-finanzjament ta' miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu fil-prezzijiet tal-elettriku, sakemm dawn il-miżuri jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10a(6);

Emenda

(j) għall-finanzjament ta' miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu fil-prezzijiet tal-elettriku, sakemm ***ma jintużax aktar minn 20 % tad-dħul għal dan l-iskop, u*** sakemm dawn il-miżuri jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10a(6);

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt c

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

(l) ***għall-promozzjoni*** tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi ***f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni***, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali.

Emenda

(l) ***għall-indirizzar tal-impatt soċjali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom u għall-promozzjoni*** tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali.

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt ca (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) fil-paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta' formola standardizzata mħejjija mill-Kummissjoni, li tinkludi informazzjoni dwar l-użu tad-dħul mill-irkantar għall-kategoriji differenti u l-addizzjonalità tal-użu tal-fondi. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni pubblika fuq is-sit web tagħha."

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt cb (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

"L-Istati Membri **ikunu kunsidrati** bħala li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jekk jistabbilixxu u jimplimentaw politika ta' appoġġ fiskali jew finanzjarju, inkluż b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew linji politiċi regolatorji domestiċi li **jaffettwaw l-appoġġ** finanzjarju, stabbiliti għar-raġunijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu u li jkollhom valur **ekwivalenti** għal **mill-inqas 50 %** tad-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti **msemmija** fil-paragrafu 2, **inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2.**"

(cb) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri **jkunu kkunsidrati** bħala li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jekk jistabbilixxu u jimplimentaw politika ta' appoġġ fiskali jew finanzjarju, inkluż b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew linji politiċi regolatorji domestiċi li **jippromwovu appoġġ** finanzjarju **addizzjonali**, stabbiliti għar-raġunijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu u li jkollhom valur għal **100 %** tad-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti **msemmi** fil-paragrafu 2 **u jkunu rrappurtaw dawn il-politiki permezz ta' formola standardizzata pprovduta mill-Kummissjoni.**"

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 4 – punt d

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafi 1, 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni

(d) *it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:*

*"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta **att delegat** skont l-Artikolu 23".*

Emenda

(d) *fil-paragrafu 4, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:*

*'4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta **atti delegati**, skont l-Artikolu 30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-ħinijiet, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar sabiex jiġi żgurat li jiġwettaq b'mod miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju. Għal dan il-għan, il-proċess għandu jkun prevedibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet u s-sekwenzjar tal-irkanti u l-volumi stmati ta' kwoti li jridu jsiru disponibbli. Meta valutazzjoni tas-setturi industrijali individwali turi li ma jkunux mistennija impatti sinifikanti fuq setturi jew sottosetturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-Kummissjoni tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tadatta l-iskeda għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 13(1) li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 biex tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq. Il-Kummissjoni m'għandhiex tagħmel aktar minn adattament wieħed bħal dan, għal għadd massimu ta' 900 miljun kwota.*

L-irkanti għandhom jiġfasslu biex jiżguraw li:

(a) *l-operaturi, u b'mod partikolari kwalunkwe SME koperta mill-EU ETS, ikollhom aċċess sħiħ, ġust u ekwitabbli,*

(b) *il-partiċipanti kollha jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni fl-istess*

ħin u li l-parteċipanti ma jimminawx il-proċess tal-irkant,

(c) l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-irkanti jkunu kosteffikaċi u l-ispejjeż amministrattivi mhux meħtieġa jiġu evitati; u

(d) l-emittenti ż-żgħar ikollhom aċċess għall-kwoti."

Ġustifikazzjoni

Allinjament mat-TFUE. Il-kontenut ta' din id-dispożizzjoni jikkorrispondi għall-formulazzjoni attwali tal-att bażiku bi ffit aġġustamenti tekniċi.

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt da (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Kull sentejn l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-għeluq tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom minħabba miżuri nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont ekwivalenti ta' kwoti li dan l-għeluq jirrappreżenta u tinforma lill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jikkonċellaw volum korrispondenti ta' kwoti mill-kwantità totali mqassma skont il-paragrafu 2."

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt db (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5

"5. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-funzjonament *tas-suq Ewropew tal-karbonju*. Kull sena, hija għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-funzjonament *tas-suq tal-karbonju inkluż* l-implimentazzjoni tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi kkummerċjati. *Jekk huwa meħtieġ*, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti *hija mressqa* quddiem il-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel l-adozzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni."

(db) *il-paragrafu 5 huwa mibdul b'dan li ġej:*

'5. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-funzjonament *tas-sistema EU ETS*. Kull sena, hija għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-funzjonament *tagħha inkluża* l-implimentazzjoni tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi kkummerċjati. *Ir-rapport għandu jindirizza wkoll l-interazzjoni tal-EU ETS ma' politiki oħra tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, inkluż kif dawn il-politiki għandhom impatt fuq il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-EU ETS u l-konformità tagħhom mal-għanijiet tal-Unjoni għall-2030 u l-2050 fir-rigward tal-klima u l-enerġija. Ir-rapport għandu jqijs ukoll ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-impatt fuq l-investment fi ħdan l-Unjoni.* L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti *titressaq* quddiem il-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel l-adozzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni."

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *it-tieni paragrafu tal-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:*

*"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23. Dan l-att għandu jistipula wkoll allokazzzjoni addizzjonali mir-riżerva ta' dawk li jidħlu għodda għal *żidiet* sinifikanti fil-produzzjoni *bl-applikazzjoni tal-istess livelli limitu u aġġustamenti fl-allokazzzjoni li japplikaw fir-rigward ta'**

Emenda

(a) *fil-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma mibdula b'dan li ġej:*

"1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat, skont l-Artikolu 30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi miżuri fl-Unjoni kollha u kompletament armonizzati għall-allokazzzjoni tal-kwoti msemija fil-paragrafi 4, 5, u 7, inkluża kwalunkwe dispożizzjoni neċessarja għall-

ċessjonijiet parzjali tal-operazzjoni. "

*applikazzjoni armonizzata tal-paragrafu 19. Dan l-att għandu jistipula wkoll allokkazzjoni addizzjonali mir-riżerva ta' dawk li jidħlu ġodda għal **tibdil** sinifikanti fil-produzzjoni. **L-att għandu, b'mod partikolari, jipprovi li kwalunkwe żieda jew tnaqqis ta' mill-inqas 10 % fil-produzzjoni espressa bħala l-medja rikorrenti ta' dejta tal-produzzjoni verifikata għas-sentejn preċedenti meta mqabbla mal-attività tal-produzzjoni rrapportata skont l-Artikolu 11 tiġi aġġustata b'ammont korrispondenti ta' kwoti billi l-kwoti jitqiegħdu fi, jew jiġu rilaxxati, mir-riżerva msemija fil-paragrafu 7.***

Meta tkun qed tħejji l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li tillimita l-kumplexità amministrattiva u li tevita l-manipulazzjoni tas-sistema. Għal dan il-għan hija tista', skont kif ikun xieraq, tuża flessibilità fl-applikazzjoni tal-livelli limitu stabbiliti f'dan il-paragrafu, meta dan ikun iġġustifikat minħabba ċirkostanzi speċifiċi. '

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ

"Il-miżuri msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw parametri referenzjarji ex ante **Komunitarji** sabiex jiżguraw li l-allokkazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija **filwaqt li tipprovi prevedibbiltà lill-installazzjonijiet**

Emenda

(aa) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-miżuri msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw parametri referenzjarji ex ante **madwar l-Unjoni** sabiex jiżguraw li l-allokkazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-

industrijali, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa **u tal-ġabra u l-ħażna tas-CO₂**, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. M'għandha ssir ebda allokazżjoni **gratis** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ħlief għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 10c u l-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart.

proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa, **is-CCS u s-CCU**, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. M'għandha ssir ebda allokazżjoni **bla ħlas** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ħlief għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 10c u l-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart.

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazżjoni bla ħlas għandhom ikunu aġġustati sabiex jiġi evitat qligħ mhux mistenni u jirriflettu l-progress teknoloġiku fil-perjodu bejn l-2007 u l-2008 u kull perjodu ta' wara li għalihom l-allokazżjonijiet bla ħlas huma determinati skont l-Artikolu 11(1). Dan l-aġġustament għandu jnaqqas il-valuri tal-parametri referenzjarji stabbiliti bl-att adottat skont l-Artikolu 10a b'1% tal-valur li kien stabbilit fuq il-bażi tad-dejta tal-2007-8 fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u n-nofs tal-perjodu rilevanti għall-allokazżjoni bla ħlas, sakemm:

Emenda

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tiddetermina l-valuri riveduti tal-parametru referenzjarju għall-allokazżjoni bla ħlas. Dawk l-atti għandhom ikunu konformi mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandhom jaderixxu ma' dan li ġej:

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt -i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-i) Għall-perijodu mill-2021 sal-2025, il-valuri tal-parametru referenzjarju għandhom jiġu determinati abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2016-2017;

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt -ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-ia) Abbażi ta' tqabbil tal-valuri tal-parametru referenzjarju bbażati fuq din l-informazzjoni mal-valur tal-parametru referenzjarju li jinsab f'id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278, il-Kummissjoni għandha tiddetermina r-rata tat-tnaqqis annwali għal kull valur tal-parametru referenzjarju u tapplikaha għall-valuri tal-parametru referenzjarju applikabbli fil-perijodu 2013-2020 fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023 biex tiddetermina l-valuri tal-parametru referenzjarju għas-snin 2021-2025;

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Fuq il-bażi tal-informazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 11, il-Kummissjoni għandha tidentifika jekk il-valuri għal kull parametru referenzjarju kkalkulati bl-użu tal-prinċipji fl-Artikolu 10a ivarjawx mit-tnaqqis annwali msemmi hawn fuq b'iżjed jew inqas minn 0,5 % tal-valur tal-2007-8 fis-sena. Jekk dan huwa l-każ, il-valur tal-parametru referenzjarju għandu jkun aġġustat jew b'0,5 % jew b'1,5 % fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u n-nofs tal-perjodu li għalih issir l-allokazzjoni bla ħlas;

Emenda

(i) Meta, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 ir-rata ta' titjib ma tkunx ogħla minn 0,25 %, il-valur tal-parametru referenzjarju għandu għalhekk jitnaqqas b'dak il-perċentwal fil-perjodu 2021-2025, fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023;

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.

Emenda

(ii) Meta, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 ir-rata ta' titjib ma tkunx ogħla minn 1,75 %, il-valur tal-parametru referenzjarju għandu għalhekk jitnaqqas b'dak il-perċentwal fil-perjodu 2021-2025, fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023;

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni għal dan l-iskop skont l-Artikolu 22a.

imħassar

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-perijodu bejn l-2026 u l-2030, il-valuri tal-parametru referenzjarju għandhom jiġu determinati bl-istess mod abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2021-2022 u bir-rata ta' tnaqqis annwali tapplika fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028."

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt bb (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.

Emenda

(bb) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.

Emenda 165

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 3

Test fis-seħħ

Suġġett għall-paragrafi 4 u 8, u minkejja l-Artikolu 10c, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bi ħlas għal ġeneraturi tal-elettriku, għal installazzjonijiet għall-ġbir tas-CO₂, għal pajpijiet għat-trasport tas-CO₂ jew għal siti tal-ħażna tas-CO₂.

Emenda

Suġġett għall-paragrafi 4 u 8, u minkejja l-Artikolu 10c, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bi ħlas għal ġeneraturi tal-elettriku, għal installazzjonijiet għall-ġbir tas-CO₂, għal pajpijiet għat-trasport tas-CO₂ jew għal siti tal-ħażna tas-CO₂.
Ġeneraturi tal-elettriku li jipproduċu l-elettriku minn gass ta' skart mhumix ġeneraturi tal-elettriku fis-sens tal-Artikolu (3)(u) ta' din id-Direttiva. Fil-kalkoli tal-parametru referenzjarju għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-kontenut sħiħ ta' karbonju tal-gassijiet ta' skart użati għall-produzzjoni tal-elettriku.

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt bc (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 4

Test fis-seħħ

"4. Għandha tingħata allokazzjoni bla ħlas għal tisħin distrettwali kif ukoll għal koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata fir-rigward tal-produzzjoni tat-tisħin u t-tkessiġ. ***F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal istallazzjonijiet bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9.***

Emenda

(bc) il-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"4. Għandha tingħata allokazzjoni bla ħlas għal tisħin distrettwali kif ukoll għal koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata fir-rigward tal-produzzjoni tat-tisħin u t-tkessiġ.

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt c

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10, is-somma ta' allokazzjonijiet bla ħlas f'kull sena fejn is-somma tal-allokazzjonijiet bla ħlas ma tilħaqx il-livell massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar tal-Istat Membri, il-kwoti li jifdal sa dak il-livell għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet bla ħlas sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar tal-Istat Membri fis-snin ta' wara. Fejn, madankollu, jintlaħaq il-livell

Emenda

5. Meta s-somma ta' allokazzjonijiet bla ħlas f'sena partikolari ma tilħaqx il-livell massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar tal-Istat Membri stipulat fl-Artikolu 10(1), il-kwoti li jifdal sa dak il-livell għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet bla ħlas fi snin sussegwenti. Meta, madankollu, il-livell massimu jintlaħaq, ammont ta' kwoti ekwivalenti għal tnaqqis sa ħames punti perċentwali tas-sehem tal-kwoti li

*massimu, l-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq. **Kull aġġustament bħal dan għandu jitwettaq b'mod uniformi.***

*għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri **matul il-perjodu kollu ta' għaxar snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2021, skont l-Artikolu 10(1), għandu jiġi distribwit bla ħlas għal setturi u sottosetturi skont l-Artikolu 10b. Meta, madankollu, dan it-tnaqqis ma jkunx biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda ta' dawk is-setturi jew sottosetturi skont l-Artikolu 10b, l-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq permezz ta' fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi għas-setturi b'intensità ta' kummerċ ma' pajjiżi terzi ta' inqas minn 15 % jew b'intensità tal-karbonju inqas minn 7 kg CO₂/Euro VMG.***

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt d

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku, b'kunsiderazzjoni ta' kull effett fuq is-suq intern. Miżuri finanzjarji bħal dawn biex jikkumpensaw parti minn dawn l-ispejjeż għandhom ikunu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

Emenda

6. Għandu jiġi adottat arranġament ċentralizzat fil-livell tal-Unjoni sabiex jikkumpensa s-setturi jew is-sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku.

Il-kumpens għandu jkun proporzjonat għall-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li effettivament jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku u għandu jiġi applikat skont il-kriterji stipulati fil-linji

gwidha rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu evitati kemm effetti negattivi fuq is-suq intern kif ukoll kumpens żejjed tal-ispejjeż imġarrba.

Meta l-ammont ta' kumpens disponibbli ma jkunx biżżejjed biex jikkumpensa għall-ispejjeż indiretti eliġibbli, l-ammont ta' kumpens disponibbli għall-istallazzjonijiet eliġibbli kollha għandu jiġnaqqas b'mod uniformi.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30b biex tissupplimenta din id-Direttiva għall-iskop imsemmi f'dan il-paragrafu billi ddaħħal fis-seħħ arranġamenti għall-ħolqien u l-funzjonament tal-fond.

Emenda 73

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt da (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) fil-paragrafu 6, jiddaħħal subparagrafu ġdid:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw ukoll miżuri finanzjarji nazzjonali li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe effett fuq is-suq intern. Miżuri finanzjarji bħal dawn biex jikkumpensaw parti minn dawk l-ispejjeż għandhom ikunu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat u skont l-Artikolu 10(3) ta' din id-Direttiva. Dawk il-miżuri nazzjonali, flimkien mal-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu,

m'għandhomx jaqbżu l-livell massimu ta' kumpens imsemmi fil-linji gwida rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat u m'għandhomx joħlqu distorsjonijiet ġodda tas-suq. Il-limiti massimi eżistenti dwar kumpens permezz ta' għajnuna mill-Istat għandhom ikomplu jonqsu tul il-perjodu ta' negozjar."

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt e – punt i

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kwoti mill-ammont massimu msemmi fl-Artikolu 10a(5) ta' din id-Direttiva li ma kinux allokat i mingħajr ħlas sal-2020 għandhom jitwarrbu għal min jidħol ġdid u żidiet sinifikanti fil-produzzjoni, flimkien ma' 250 miljun kwota poġġuti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq skont l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill().*

Emenda

7. Għandhom jitwarrbu 400 miljun kwota għal min jidħol ġdid u **għal** żidiet sinifikanti fil-produzzjoni.

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt e – punt i

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Sa mill-2021, **il-kwoti** mhux **allokati** għall-installazzjonijiet minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafi 19 u 20 **għandhom jiżiedu** mar-riżerva."

Emenda

Sa mill-2021 **'il quddiem, kwalunkwe kwota** mhux **allokata** għall-installazzjonijiet minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafi 19 u 20 **għandha tiżied** mar-riżerva.

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt f – parti introduttorja

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

(f) *fil-paragrafu 8, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 8 jinbidlu b'dan li ġej:*

Emenda

(f) *il-paragrafu 8 huwa mibdul b'dan li ġej:*

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt f – subparagrafu 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

400 miljun kwota għandhom ikunu disponibbli biex **jappoġġjaw l-innovazzjoni** fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fis-setturi industrijali elenkati fl-Anness I, u biex jgħinu jstimulaw il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti ta' dimostrazzjoni kummerċjali li għandhom l-għan ta' **qbid u ħżin ġeoloġiku (CCS)** ambjentalment **sikur tad-diossidu tal-karbonju** kif ukoll **ta'** proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fit-territorju tal-Unjoni.

Emenda

8. 600 miljun kwota għandhom ikunu disponibbli biex **jigħu promossi investimenti fl-innovazzjoni** fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fis-setturi industrijali elenkati fl-Anness I, **inklużi prodotti u materjali b'bażi bijoloġika li jissostitwixxu materjali b'intensità qawwija tal-karbonju**, u biex jgħinu jstimulaw il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti ta' dimostrazzjoni kummerċjali li għandhom l-għan ta' **CCS** u **CCU** ambjentalment **sikuri** kif ukoll proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli **u ta' ħżin tal-enerġija**, fit-territorju tal-Unjoni.

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt f

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kwoti għandhom ikunu disponibbli għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi industrijali b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jappoġġjaw proġetti ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' **CCS u** teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli li għadhom mhux kummerċjalment vijabbli **f'postijiet ibbilanċjati ġeografikament**. Sabiex ikunu promossi proġetti innovattivi, jistgħu jiġu appoġġjati sa **60 %** tal-ispejjeż rilevanti tal-proġetti, li minnhom sa **40 %** ma jeħtieġux prevenzjoni verifikata tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sakemm jintlaħqu t-tragwardi predeterminati u jittieħed kont tat-teknoloġija użata.

Emenda

Il-kwoti għandhom ikunu disponibbli għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi industrijali b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jappoġġjaw proġetti ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, **CCS u CCU** li għadhom mhux kummerċjalment vijabbli. **Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-impatt tagħhom fuq is-sistemi tal-enerġija jew il-proċessi industrijali fi ħdan Stat Membru, grupp ta' Stati Membri jew l-Unjoni**. Sabiex ikunu promossi proġetti innovattivi, jistgħu jiġu appoġġjati sa **75 %** tal-ispejjeż rilevanti tal-proġetti, li minnhom sa **60 %** ma jeħtieġux prevenzjoni verifikata tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sakemm jintlaħqu t-tragwardi predeterminati u jittieħed kont tat-teknoloġija użata. **Il-kwoti għandhom jiġu allokat lil proġetti skont il-ħtiġijiet tagħhom biex jilhqqu stadji importanti predeterminati**.

Emenda 79

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt f

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Barra minn hekk, 50 miljun kwota mhux allokat mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq

Emenda

Barra minn hekk, 50 miljun kwota mhux allokat mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq

stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/...
għandhom jissupplimentaw kull riżorsa
eżistenti li jifdal skont dan il-paragrafu
għall-proġetti msemija **hawn fuq**, bi
proġetti fl-Istati Membri kollha inklużi
proġetti fuq skala żgħira, qabel l-2021. Il-
proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta'
kriterji oġġettivi u trasparenti.

għandhom jissupplimentaw kull riżorsa
eżistenti li jifdal skont dan il-paragrafu
**bħala konsegwenza ta' fondi li jirriżultaw
mill-irkanti tal-kwoti NER300 għall-
perijodu bejn l-2013 u l-2020 li ma
ntużawx**, għall-proġetti msemija **fl-
ewwel u fit-tieni subparagrafi**, bi proġetti
fl-Istati Membri kollha inklużi proġetti fuq
skala żgħira, qabel l-2021 **u mill-2018 'il
quddiem**. Il-proġetti għandhom jintgħażlu
fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u
trasparenti, **b'kont meħud tar-relevanza
tagħhom b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni
tas-setturi kkonċernati**.

**Il-proġetti appoġġjati skont dan is-
subparagrafu jistgħu jirċievu wkoll
appoġġ addizzjonali skont l-ewwel u t-
tieni subparagrafi.**

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 5 – punt f

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni **għandha** tingħata s-setgħa
li tadotta **att delegat** skont l-Artikolu 23.

Emenda

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta
atti delegati skont l-Artikolu 30b **biex
tissupplimenta din id-direttiva billi
tistabbilixxi l-kriterji li għandhom
jintużaw għall-għażla ta' proġetti li huma
eliġibbli biex jibbenefikaw mill-kwoti
addizzjonali msemija f'dan il-paragrafu,
b'kont meħud tal-prinċipji li ġejjin:**

**(i) Il-proġetti għandhom jiffokaw fuq it-
tfassil u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet
rivoluzzjonarji u fuq l-implimentazzjoni
ta' programmi ta' dimostrazzjoni;**

**(ii) L-attivitajiet għandhom joperaw qrib
tas-suq f'impjanti ta' produzzjoni sabiex**

*juru l-vijabbiltà tat-teknoloġiji
rivoluzzjonarji biex jingħelbu l-ostakoli
kemm teknoloġiċi kif ukoll dawk mhux
teknoloġiċi;*

*(iii) Il-proġetti għandhom jindirizzaw
soluzzjonijiet teknoloġiċi li jkollhom il-
potenzjal ta' applikazzjoni mifruxa, u
jistgħu jikkombinaw teknoloġiji differenti;*

*(iv) Idealment, is-soluzzjonijiet u t-
teknoloġiji għandu jkollhom il-potenzjal li
jiġu trasferiti fi ħdan is-settur u
possibbilment lil setturi oħrajn.*

*(v) Il-proġetti fejn l-emissjonijiet
mistennija jkunu ferm inqas mill-valur ta'
parametru referenzjarju rilevanti
għandhom jingħtaw prijorità. Il-proġetti
eliġibbli għandhom jikkontribwixxu għat-
tnaqqis fl-emissjonijiet taħt il-valuri tal-
parametru referenzjarju msemmija fil-
paragrafu 2 jew għandu jkollhom
prospetti futuri biex inaqqsu b'mod
sinifikanti l-ispjża tat-transizzjoni lejn
produzzjoni tal-enerġija b'emissjonijiet
baxxi; u*

*(vi) Il-proġetti CCU għandhom iwasslu
għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet u ħażna
permanenti tas-CO2 tul il-ħajja kollha
tagħhom.*

Emenda 82

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt ia (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 20

Test fis-seħħ

"20. Il-Kummissjoni għandha, bħala parti mill-miżuri adottati taħt il-paragrafu 1, tinkludi miżuri għad-definizzjoni tal-istallazzjonijiet li jkunu waqqfu l-

Emenda

(ia) il-paragrafu 20 huwa mibdul b'dan li ġej:

"20. Il-Kummissjoni għandha, bħala parti mill-miżuri adottati taħt il-paragrafu 1, tinkludi miżuri għad-definizzjoni tal-istallazzjonijiet li jkunu waqqfu l-

operazzjonijiet tagħhom parzjalment jew tnaqqas il-kapaċità tagħhom b'mod sinifikanti u miżuri għall-adattament, kif xieraq, tal-livell tal-kwoti gratis mogħtija lilhom kif ikun jeħtieġ il-każ."

operazzjonijiet tagħhom parzjalment jew tnaqqas il-kapaċità tagħhom b'mod sinifikanti u miżuri għall-adattament, kif xieraq, tal-livell tal-kwoti gratis mogħtija lilhom kif ikun jeħtieġ il-każ.

Dawn il-miżuri għandhom jipprovdu flessibbiltà lis-setturi tal-industrija meta l-kapaċità hija trasferita b'mod regolari bejn l-installazzjonijiet operattivi fl-istess kumpanija."

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – titolu

Test fis-seħħ

Miżuri li jappoġġjaw ċerti industriji enerġetikament intensivi f'każ ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju

Emenda

Miżuri **tranżitorji** li jappoġġjaw ċerti industriji enerġetikament intensivi f'każ ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju

Emenda 85

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Wara l-adozzjoni tar-reviżjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid is-sehem tat-tnaqqis fl-emissjonijiet fl-EU ETS u d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**. Biex tiġi protetta l-industrija f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jew ta' investiment għandu jintuża tnaqqis

addizzjonali b'mira ogħla relatata mal-effiċjenza fl-enerġija.

** Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).*

*** Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).*

Emenda 144

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafi 1b u 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) B'segwitu għall-Artikolu 6(2) tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tivvaluta fir-rapport tagħha, li għandu jitħejja skont l-Artikolu 28aa, l-iżvilupp tal-politiki dwar il-mitigazzjoni tal-klima, inklużi l-approċċi bbażati fuq is-suq, f'reġjuni u pajjiżi terzi u l-effett ta' dawn il-politiki fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea.

(1c) Jekk dan ir-rapport jikkonkludi li għad hemm riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva li tintroduċi aġġustament għall-karbonju fil-fruntieri, kompatibbli bis-sħiħ mar-regoli tad-WTO, abbażi ta' studju tal-

fattibbiltà li għandu jibda mal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-ĠU. Dan il-mekkaniżmu jkun jinkludi, fl-EU ETS, importaturi ta' prodotti li jiġu prodotti minn setturi jew subsetturi determinati skont l-Artikolu 10a;

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott mill-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom huwa oġġla minn 0,18 jistgħu jkunu inklużi fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwalitattiva bl-użu tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-limitu sa fejn huwa possibbli għal installazzjonijiet individwali fis-settur jew sottosetturi kkonċernati li jnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet jew il-konsum tal-elettriku;

(b) il-karatteristiċi tas-suq attwali u previsti;

(c) il-marġni ta' profitt bħala indikatur potenzjali ta' deċiżjonijiet ta' investiment jew rilokazzjoni fit-tul.

Emenda

2. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott mill-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom huwa oġġla minn 0,12 jistgħu jkunu inklużi fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwalitattiva bl-użu tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-limitu sa fejn huwa possibbli għal installazzjonijiet individwali fis-settur jew sottosetturi kkonċernati li jnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet jew il-konsum tal-elettriku, ***b'kunsiderazzjoni ta' żidiet assoċjati fl-ispejjeż tal-produzzjoni;***

(b) il-karatteristiċi tas-suq attwali u previsti;

(c) il-marġni ta' profitt bħala indikatur potenzjali ta' deċiżjonijiet ta' investiment jew rilokazzjoni fit-tul;

(ca) komoditajiet li huma negozjati fi swieq madwar id-dinja kollha għal prezz ta' referenza komuni.

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Setturi u sottosetturi oħrajn huma meqjus li jistgħu jgħaddu*** aktar mill-ispejjeż tal-kwoti fil-prezzijiet tal-prodotti, u ***għandhom ikunu allokat*** kwoti bla ħlas ***għall-perjodu*** sal-2030 għal 30 % tal-kwantità determinata skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10a.

Emenda

3. ***Is-settur tat-tisħin distrettwali huwa meqjus li jista' jgħaddi*** aktar mill-ispejjeż tal-kwoti fil-prezzijiet tal-prodotti, u ***għandu jiġi allokat*** kwoti bla ħlas ***għall-perjodu*** sal-2030 għal 30 % tal-kwantità determinata skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10a. ***Is-setturi u s-sottosetturi l-oħrajn m'għandhom ikunu allokat l-ebda kwota bla ħlas.***

Emenda 88

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta ***att delegat għall-paragrafi preċedenti għall-attivitajiet*** fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4) ***sa fejn jirrigwardaw il-paragrafu 1, skont l-Artikolu 23***, abbażi ta' dejta ***għat-tliet*** snin kalendarji l-aktar reċenti disponibbli.

Emenda

4. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti delegati skont l-Artikolu 30b biex tissupplimentu din id-Direttiva b'rabta mal-paragrafu 1 fir-rigward tal-attivitajiet*** fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4) ***jew, meta jkun ġustifikat abbażi ta' kriterji oġġettivi żviluppati mill-Kummissjoni, fil-livell rilevanti ta' diżaggregazzjoni*** abbażi ta' dejta ***pubblika u speċifika skont is-settur sabiex jiġu inklużi dawk l-attivitajiet koperti mill-EU ETS. Il-valutazzjoni tal-intensità tal-kummerċ għandha tkun***

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10a(1) sa (5), l-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita f'EUR għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni jistgħu jagħtu allokazzjoni bla ħlas tranżitorja lil installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija.

Emenda

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10a(1) sa (5), l-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita f'EUR għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni jistgħu jagħtu allokazzjoni bla ħlas tranżitorja lil installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-modernizzazzjoni, id-diversifikazzjoni u t-trasformazzjoni sostenibbli tas-settur tal-enerġija. ***Din id-deroga għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2030.***

Emenda 90

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri li mhumiex eliġibbli skont il-paragrafu 1, iżda li fl-2014 kellhom PDG per capita f'EUR għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni wkoll jistgħu jagħmlu użu mid-deroga msemmija f'dak il-paragrafu sal-kwantità totali msemmija fil-paragrafu 4, sakemm in-numru korrispondenti ta' kwoti jiġi ttrasferit lill-Fond għall-

*Modernizzazzjoni u d-dħul jintuża biex
jiġu appoġġjati l-investimenti
f'konformità mal-Artikolu 10d.*

Emenda 91

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-Istati Membri li huma eliġibbli skont dan l-Artikolu jagħtu allokazżjoni mingħajr ħlaq lil installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, jistgħu jagħżlu li jitransferixxu l-għadd korrispondenti tal-kwoti jew parti minnhom lill-Fond għall-Modernizzazzjoni u jallokawhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10d. F'tali każ, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel it-trasferiment.

Emenda 92

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jiżgura li jkunu biss daww il-proġetti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u s-sorsi tal-provvista tagħhom, **ir-ristrutturar** meħtieġ, **l-aġġornament** ambjentali u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura, **teknoloġiji** ndaf **u l-modernizzazzjoni tas-setturi** tal-

(b) jiżgura li jkunu biss daww il-proġetti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u s-sorsi tal-provvista tagħhom, **għar-ristrutturar** meħtieġ, **għall-aġġornament** ambjentali u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura, **għat-teknoloġiji** ndaf (**bħat-teknoloġiji**)

produzzjoni, *it-trażmissjoni* u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jkunu eliġibbli biex iressqu offerta;

rinnovabbli) jew għall-modernizzazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija, in-networks tat-tisħin distrettwali, l-effiċjenza fl-enerġija, il-ħażna tal-enerġija u s-setturi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jkunu eliġibbli biex iressqu offerta;

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jiddefinixxi kriterji tal-għażla ċari, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji għall-klassifikazzjoni tal-proġetti, sabiex jiżgura li jintgħażlu proġetti li:

Emenda

(c) jiddefinixxi kriterji tal-għażla ċari, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, ***b'konformità mal-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2050*** għall-klassifikazzjoni tal-proġetti, sabiex jiżgura li jintgħażlu proġetti li:

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' diossidu tal-karbonju;

Emenda

(i) fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' diossidu tal-karbonju li jkun proporzjonat għad-daqs tal-proġetti; ***Meta***

l-proġetti jkollhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-elettriku, l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' elettriku prodott fl-installazzjoni ma għandhomx ikunu iktar minn 450 gramma ta' ekwivalenti ta' CO2 wara t-tlestija tal-proġett. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b sabiex tEmenda din id-Direttiva billi tiddefinixxi, għall-proġetti relatati mal-produzzjoni tas-sħana, il-massimu totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' sħana prodotta fl-installazzjoni li m'għandux jinqabeż.

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) huma addizzjonali, **jwieġbu** b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jipprovdux żieda mmotivata mis-suq fid-domanda għall-enerġija;

Emenda

(ii) huma addizzjonali, **għalkemm jistgħu jintużaw biex jintlaħqu l-miri rilevanti stabbiliti skont il-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, iwieġbu** b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jipprovdux żieda mmotivata mis-suq fid-domanda għall-enerġija;

Emenda 96

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – punt iii (għdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiia) ma jikkontribwixxux għal produzzjoni ġdida ta' enerġija mill-faħam u lanqas ma jżidu d-dipendenza fuq il-faħam;

Emenda 97

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Sat-30 ta' Ġunju 2019, **kull** Stat Membru li **beħsiebu** juża allokazżjoni bla ħlas mhux obligatorja għandu jippubblika qafas nazzjonali dettaljat li jistabbilixxi l-proċess ta' offerti kompetittiv u l-kriterji tal-għażla għal konsultazzjoni pubblika.

Emenda

Sat-30 ta' Ġunju 2019, **kwalunkwe** Stat Membru li **jkun biħsiebu** juża allokazżjoni bla ħlas **tranżitorja u** mhux obligatorja **għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija** għandu jippubblika qafas nazzjonali dettaljat li jistabbilixxi l-proċess ta' offerti kompetittiv u l-kriterji tal-għażla għal konsultazzjoni pubblika.

Emenda 98

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun huma appoġġjati b'allokazżjoni bla ħlas, l-Istat Membru għandu jagħżel il-proġetti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti. Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom jiġu

Emenda

Fejn investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun huma appoġġjati b'allokazżjoni bla ħlas, l-Istat Membru għandu jagħżel il-proġetti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, **b'mod konsistenti mal-ilħuq tal-għanijiet fit-tul**

ppubblikati *għall-kummenti tal-pubbliku*. Fuq il-bażi ta' dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi u jissottometti lista ta' investimenti lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2019.

tal-klima u tal-enerġija tal-Unjoni. Dawk il-kriterji għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċessibilità totali tad-dokumenti rilevanti, u għandhom iqisu l-kummenti mqajma mill-partijiet interessati. Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom jiġu ppubblikati *għal raġunijiet ta' konsultazzjoni pubblika*. Fuq il-bażi ta' dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi u jissottometti lista ta' investimenti lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2019.

Emenda 99

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-valur tal-investimenti maħsuba għandu jkun tal-anqas ugwali għall-valur tas-suq tal-allokazzjoni bla ħlas, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni lill-ħtieġa li jiġu limitati ż-żidiet fil-prezzijiet konnessi direttament. Il-valur tas-suq għandu jkun il-medja tal-prezz tal-kwoti fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant fis-sena kalendarja preċedenti.

Emenda

3. Il-valur tal-investimenti maħsuba għandu jkun tal-anqas ugwali għall-valur tas-suq tal-allokazzjoni bla ħlas, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni lill-ħtieġa li jiġu limitati ż-żidiet fil-prezzijiet konnessi direttament. Il-valur tas-suq għandu jkun il-medja tal-prezz tal-kwoti fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant fis-sena kalendarja preċedenti. ***Jistgħu jiġu appoġġjati sa 75 % tal-ispejjeż rilevanti ta' investment.***

Emenda 100

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ġeneraturi ***tal-elettriku*** u l-operaturi tan-netwerks li jibbenefikaw jirrapportaw ***sat-28 ta' Frar*** ta' kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel it-tali rapporti ***pubbliċi***.

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ġeneraturi ***tal-enerġija*** u l-operaturi tan-netwerks li jibbenefikaw jirrapportaw ***kull sena, sal-31 ta' Marzu*** ta' kull sena, dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom, ***inklużi l-bilanċ bejn l-allokazzjoni bla ħlas u n-nefqa tal-investment imġarrba, it-tipi ta' investimenti appoġġjati u l-mod kif kisbu l-għanijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2***. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel it-tali rapporti ***disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw u janalizzaw arbitraġġ potenzjali fir-rigward tal-livell limitu ta' EUR 10 miljuni għal proġetti iżgħar u għandhom jipprevjenu l-qsim mhux ġustifikat ta' investment fi proġetti iżgħar billi jiġi eskluż li jsir aktar minn investment wieħed fl-istess installazzjoni benefiċjarja***.

Emenda 101

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. F'każ ta' sospett raġonevoli ta' irregolaritajiet jew nuqqas minn Stat Membru li jirrapporta skont il-paragrafi 2 sa 6, il-Kummissjoni Ewropea tista' twettaq investigazzjoni indipendenti, u

fejn meħtieġ tkun assistita minn parti terza kontraenti. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga wkoll ksur possibbli ieħor, bħan-nuqqas ta' implimentazzjoni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi kemm l-informazzjoni kollha dwar l-investimenti kif ukoll l-aċċess sħiħ li l-investigazzjoni teziggi, inkluż l-aċċess għall-installazzjonijiet u s-siti tal-bini. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar dik l-investigazzjoni.

Emenda 102

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6b. Fil-każ ta' ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, inkluż it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, jew tal-kriterji stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istat Membru jissospendi l-allokazzjoni bla ħlas.

Emenda 149

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fond li jappoġġja ***l-investment*** fl-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija u ***t-***

1. ***Għandu jiġi stabbilit*** fond li jappoġġja u ***jingrana l-investimenti*** fl-immodernizzar

titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membri *li kellhom PDG* per capita taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013, għandu jiġi stabbilit għall-perjodu 2021-30 u jkun iffinanzjat kif stabbilit fl-Artikolu 10.

tas-sistemi tal-enerġija, *inkluż it-tisħin distrettwali*, u *fit-titjib* tal-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membri *b'PDG* per capita taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013, *fl-2014, jew fl-2015*, għall-perjodu 2021-2030 u li jkun iffinanzjat kif stabbilit fl-Artikolu 10.

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-investimenti appoġġjati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva u l-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiċi.

Emenda

L-investimenti appoġġjati għandhom ikunu *konformi mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni, trattament ugwali u ġestjoni finanzjarja tajba, u għandhom joffru l-aħjar valur għall-flus. Huma għandhom* ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva *u mal-għanijiet fit-tul tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija u mal-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiċi, u għandhom:*

(i) Jikkontribwixxu għall-iffrankar tal-enerġija, għas-sistemi tal-enerġija rinnovabbli, għall-ħżin tal-enerġija u għas-setturi tal-interkonnnessjoni, tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku; meta l-proġetti jkollhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-elettriku, l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' elettriku prodott fl-installazzjoni ma għandhomx ikunu iktar minn 450 gramma ta' ekwivalenti ta' CO₂ wara t-tlestija tal-proġett. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b sal-1 ta' Jannar 2021 sabiex tEmenda din id-Direttiva billi tiddefinixxi, għall-proġetti relatati mal-produzzjoni tas-sħana, il-massimu totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' sħana prodotta fl-

installazzjoni li m'għandux jinqabeż.

(ii) Abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' diossidu tal-karbonju;

(iii) Ikunu addizzjonali, għalkemm jistgħu jintużaw biex jintlaħqu l-miri rilevanti stabbiliti skont il-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, jirreaġixxu b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jwasslux għal żieda mmexxija mis-suq fid-domanda għall-enerġija;

(iv) Ma jikkontribwixxux għal produzzjoni ġdida ta' enerġija mill-faħam u lanqas ma jżidu d-dipendenza fuq il-faħam;

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha iżomm taħt rieżami r-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu, b'kunsiderazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Klima tal-BEI. Jekk, abbażi tal-progress teknoloġiku, wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jsiru irrilevanti, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b sa l-2024 bl-għan li tEmenda din id-Direttiva billi tiddefinixxi rekwiżiti ġodda jew aġġornati.

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-fond għandu jiffinanzja wkoll proġetti ta' investiment ta' skala żgħira fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija. Għal dan il-għan, il-bord għall-investimenti għandu jiżviluppa linji gwida u kriterji ta' għażla **għall-investment** speċifiċi għal proġetti bħal dawn.

Emenda

2. Il-fond għandu jiffinanzja wkoll proġetti ta' investiment ta' skala żgħira fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija. Għal dan il-għan, il-bord għall-investimenti għandu jiżviluppa linji gwida **għall-investment** u kriterji ta' għażla speċifiċi għal proġetti bħal dawn, **b'konformità mal-oġettivi ta' din id-Direttiva u mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 1. Dawk il-kriterji ta' għażla għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.**

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, proġett ta' investiment fuq skala żgħira jfisser proġett iffinanzjat permezz ta' self ipprovdut minn bank promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali li jservi għanijiet speċifiċi konformi ma' dawk tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, sakemm ma jintużax aktar minn 10% tas-sehem tal-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIb.

Emenda 107

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 3a (ġdid)

3a. Kwalunkwe Stat Membru benefiċjarju li jkun iddeċieda li jagħti allokazzjoni tranżitorja bla ħlas skont l-Artikolu 10c jista' jittrasferixxi dawk il-kwoti għas-sehem tiegħu tal-Fond għall-Modernizzazzjoni stabbilit fl-Anness IIb u jallokathom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10d.

Emenda 108

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 7**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 1

4. Il-fond għandu jkun ikkontrollat minn bord għall-investimenti u kumitat ta' ġestjoni, li għandhom ikunu komposti minn rappreżentanti mill-Istati Membri li qed jibbenefikaw, il-Kummissjoni, il-BEI u tliet rappreżentanti eletti mill-Istati Membri l-oħra għal perjodu ta' 5 snin. Il-bord għall-investimenti għandu jkun responsabbli biex jiddetermina politika ta' investiment fil-livell tal-Unjoni, *strumenti ta' finanzjament xierqa u kriterji ta' għażla għall-investimenti.*

4. L-Istati Membri benefiċjarji għandhom ikunu responsabbli għall-governanza tal-fond, u għandhom jistabbilixxu, b'mod konġunt, bord għall-investimenti magħmul minn rappreżentant wiehied għal kull Stat Membru benefiċjarju, il-Kummissjoni u tliet osservaturi minn partijiet interessati bħalma huma l-federazzjonijiet industrijali, it-trade unions jew l-NGOs. Il-bord għall-investimenti għandu jkun responsabbli biex jiddetermina politika ta' investiment fil-livell tal-Unjoni, *li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu u konsistenti mal-politiki tal-Unjoni.*

Għandu jiġi stabbilit bord konsultattiv, li jkun indipendenti mill-bord għall-investimenti. Il-bord konsultattiv għandu jkun magħmul minn tliet rappreżentanti mill-Istati Membri benefiċjarji, tliet rappreżentanti mill-Istati Membri mhux benefiċjarji, rappreżentant tal-Kummissjoni, rappreżentant tal-BEI u

Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-fond.

rappreżentant tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), magħżula għal perjodu ta' ħames snin. Ir-rappreżentanti tal-bord konsultattiv għandu jkollhom livell għoli ta' esperjenza tas-suq rilevanti rigward l-istrutturar u l-finanzjament tal-proġetti. Il-bord konsultattiv għandu jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-bord għall-investimenti dwar l-eliġibilità ta' proġett għall-għażla, dwar id-deċiżjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament, u dwar kwalunkwe għajjuna għall-iżvilupp ulterjuri skont kif ikun meħtieġ.

Għandu jiġi stabbilit kumitat ta' ġestjoni. Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-fond.

Emenda 109

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-bord għall-investimenti għandu jeleġġi rappreżentant mill-Kummissjoni bħala president. Il-bord għall-investimenti għandu jistinka biex jieħu deċiżjonijiet b'konsens. Jekk il-bord għall-investimenti ma jistax jiddeċiedi b'konsens fl-iskadenza stabbilita mill-president, il-bord għall-investimenti għandu jieħu deċiżjoni permezz ta' maġġoranza sempliċi.

Emenda

Il-president tal-bord għall-investimenti għandu jkun elett minn fost il-membri tiegħu għal perjodu ta' sena. Il-bord għall-investimenti għandu jistinka biex jieħu deċiżjonijiet b'konsens. Il-bord konsultattiv għandu jadotta l-opinjoni tiegħu permezz ta' maġġoranza sempliċi.

Emenda 110

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti maħtura mill-bord għall-investimenti. Id-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' ġestjoni għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi.

Emenda

Il-bord għall-investimenti, il-bord konsultattiv u l-kumitat ta' ġestjoni għandhom joperaw b'mod miftuħ u trasparenti. Il-minuti tal-laqgħat taż-żewġ bordijiet għandhom jiġu ppubblikati. Il-kompożizzjoni tal-bord għall-investimenti u tal-bord konsultattiv għandha tiġi ppubblikata u s-CVs u d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-membri għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandhom jiġu aġġornati regolarment. Il-bord għall-investimenti u l-bord konsultattiv għandhom, fuq bażi kontinwa, jiġverifikaw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess. Kull sitt xhur, il-bord konsultattiv għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lista tal-konsulenza pprovduta għall-proġetti.

Emenda 111

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk il-BEI jirrakkomanda **li** investiment ma jiġix iffinanzjat u jaġhti raġunijiet **għal din ir-rakkomandazzjoni, deċiżjoni** għandha tiġi adottata biss jekk maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha jivvotaw favur tagħha. L-Istat Membru li fih ikun se jitwettaq l-investiment u l-BEI ma għandhomx ikunu intitolati li jivvotaw f'dan il-każ. **Iż-żewġ sentenzi ta' qabel ma għandhomx japplikaw għal proġetti żgħar iffinanzjati permezz ta' self ipprovdut minn bank promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali li jservi għanijiet speċifiċi f'konformità mal-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, sakemm taħt il-programm ma jintużax iżjed minn 10 % tas-sehem tal-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIb.**

Emenda

Jekk il-BEI jirrakkomanda **lill-bord konsultattiv biex** investiment ma jiġix iffinanzjat u jaġhti raġunijiet **għalfejn dan l-investiment mhuwiex konformi mal-politika ta' investiment adottata mill-bord għall-investimenti u mal-kriterji ta' għażla stipulati fil-paragrafu 1, opinjoni pożittiva** għandha tiġi adottata biss jekk maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha jivvotaw favur tagħha. L-Istat Membru li fih ikun se jitwettaq l-investiment u l-BEI ma għandhomx ikunu intitolati li jivvotaw f'dan il-każ.

Emenda 112

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri **li jibbenefikaw** għandhom jirrapportaw kull sena **lill-kumitat ta' ġestjoni** dwar l-investimenti ffinanzjati mill-fond. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandu jinkludi:

Emenda

5. L-Istati Membri **benefiċjarji** għandhom jirrapportaw kull sena **lill-bord għall-investimenti u lill-bord konsultattiv** dwar l-investimenti ffinanzjati mill-fond. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandu jinkludi:

Emenda 113

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Kull sena, ***il-kumitat ta' ġestjoni*** għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni u l-għażla tal-investimenti. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-bażi li fuqha jkunu ntgħażlu l-proġetti sal-31 ta' Diċembru 2024 u, fejn xieraq, tagħmel proposti ***lill-kumitat ta' ġestjoni***.

Emenda

6. Kull sena, ***il-bord konsultattiv*** għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni u l-għażla tal-investimenti. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-bażi li fuqha jkunu ntgħażlu l-proġetti sal-31 ta' Diċembru 2024 u, fejn xieraq, tagħmel proposti ***lill-bord għall-investimenti u lill-bord konsultattiv***.

Emenda 114

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni ***għandha*** tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu 23 biex ***timplimenta dan l-Artikolu***.

Emenda

7. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati***, skont l-Artikolu 30b, biex ***tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-operazzjoni effettiva tal-Fond għall-Modernizzazzjoni***.

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Fl-Artikolu 11(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mill-2021 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li matul kull sena kalendarju kull operatur jirrapporta l-attività tal-produzzjoni għall-aġġustamenti tal-allokazzjoni b'konformità mal-Artikolu 10a paragrafu 7."

Emenda 116

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 8b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) Fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3a. F'każ ta' sospett raġonevoli ta' irregolaritajiet jew nuqqas minn Stat Membru li jipprovdi l-lista u l-informazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 3, il-Kummissjoni tista' tibda investigazzjoni indipendenti, u fejn meħtieġ tkun assistita minn parti terza

kontraenti. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha u l-aċċess kollu meħtieġa għall-investigazzjoni, inkluż aċċess għall-installazzjonijiet u għad-data tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-istess regoli ta' kunfidenzjalità dwar informazzjoni kummerċjalment sensittiva bħall-Istat Membru kkonċernat u għandha tippubblika rapport dwar dik l-investigazzjoni."

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 10a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3a

Test fis-seħħ

"3a. M'għandux jinħoloq obbligu biex wieħed iċedi l-kwoti rigward emissjonijiet verifikati bħala emissjonijiet maqbuda u trasportati għal ħażna permanenti lejn faċilità li għaliha jkun hemm permess fis-seħħ taħt id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar il-ħażna ġeoloġika tad-dijossidu tal-karbonju¹."

Emenda

(10a) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3a. M'għandux jinħoloq obbligu biex wieħed iċedi l-kwoti rigward emissjonijiet verifikati bħala emissjonijiet maqbuda u trasportati għal ħażna permanenti lejn faċilità li għaliha jkun hemm permess fis-seħħ taħt id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar il-ħażna ġeoloġika tad-dijossidu tal-karbonju¹, ***u lanqas fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati bħala maqbuda u/jew użati mill-ġdid f'applikazzjoni li tiżgura rabta permanenti tas-CO₂, għall-iskop tal-qbid u l-użu mill-ġdid tal-karbonju.***"

Emenda 118

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2003/87/KE

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fl-Artikolu 14(1), *it-tieni subparagrafu* huwa *mibdul* b'dan li ġej:

*"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta **att delegat** skont l-Artikolu 23.";*

Emenda

(12) *Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta **atti delegati** skont l-Artikolu 30b biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet u, fejn ikun rilevanti, dejta tal-attivitajiet, mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I, il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-dejta dwar it-tunellati-kilometri għall-iskop ta' applikazzjoni skont l-Artikoli 3e jew 3f, li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u r-rappurtar stabbiliti fl-Anness IV u l-ispeċifikazzjoni għall-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull gass serra fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet għal dak il-gass.";*

"Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha taġġusta r-regoli eżistenti dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (EU) 601/2012 sabiex jitneħħew l-ostakoli regolatorji għall-investiment f'teknoloġiji aktar riċenti b'emissjoni baxxa ta' karbonju bħall-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU). Dawk ir-regoli l-ġodda għandhom ikunu effettivi għat-teknoloġiji CCU kollha sa mill-1 ta' Jannar 2019.*

Dak ir-regolament għandu jiddetermina wkoll proċeduri ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika simplifikati għall-emittenti ż-żgħar.

**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30)."*

Emenda 119

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 13

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 15 – paragrafi 4 u 5

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Fl-Artikolu 15, ***il-ħames subparagrafu huwa mibdul*** b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni ***għandha*** tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu 23.";

Emenda

(13) Fl-Artikolu 15, ***ir-raba' u l-ħames paragrafi huma sostitwiti*** b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati***, skont l-Artikolu 30b, ***biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-verifika ta' rapporti dwar l-emissjonijiet abbażi tal-prinċipji stipulati fl-Anness V, u għall-akkreditament u s-superviżjoni tal-verifikaturi. Hi għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet għall-akkreditament u t-tneħħija tal-akkreditament, għar-rikonoxximent reċiproku u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-entitajiet tal-akkreditament, kif ikun xieraq.***"

Emenda 120

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 13a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 16 – paragrafu 7

Test fis-seħħ

7. Meta talbiet bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu 5 huma indirizzati lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn

Emenda

(13a) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

7. Meta talbiet bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu 5 huma indirizzati lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn

permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23(1) skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.

permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 30c(1) skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.

Emenda 121

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 14

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 16 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni

12. Fejn xieraq, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati rigward il-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22a.

Emenda

12. Fejn xieraq, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati rigward il-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura **ta' eżami** msemmija fl-Artikolu 30c(2).

Emenda 122

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 15

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Fl-Artikolu 19(3), **(ii) it-tielet sentenza hija mibdula** b'dan li ġej:

"Għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jimplimentaw regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti fi ftehimiet biex jiġu konnessi l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.";

Emenda

(15) Fl-Artikolu 19, **il-paragrafu 3 huwa sostitwit** b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 30b sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-istabbiliment ta' sistema standardizzata u sigura ta' uffiċċji tar-reġistrazzjonijiet fil-forma ta' databases elettroniċi u standardizzati li jkun fihom elementi ta'

dejta komuni sabiex jittraċċjaw il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, sabiex jipprovdu l-aċċess lill-pubbliku u l-kunfidenzjalità kif xieraq u sabiex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda trasferiment li jkun inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-Protokoll ta' Kyoto. Dawk l-atti delegati għandhom jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-użu u l-identifikazzjoni ta' CERs u ERUs fl-EU ETS u dwar il-monitoraġġ tal-livell ta' tali użu. Dawk l-atti għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet biex jimplimentaw regoli dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-kwoti fi ftehimiet biex jiġu konnessi l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet."

Emenda 123

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 15a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

"1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan ir-rapport għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-arranġamenti għall-allokazzjoni tal-kwoti, il-ħidma tal-uffiċċji tar-reġistrazzjonijiet, l-applikazzjoni tal-miżuri għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ u tar-rappurtaġġ, il-verifika u l-akkreditament u l-kwistjonijiet relatati mal-konformità ma' din id-Direttiva u t-trattament fiskali tal-kwoti, jekk ikun hemm minnhom. L-ewwel rapport għandu jiġi ssottomess lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2005. Ir-rapport għandu jiġi

Emenda

(15a) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan ir-rapport għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-arranġamenti għall-allokazzjoni tal-kwoti, ***il-miżuri finanzjarji skont l-Artikolu 10a(6)***, il-ħidma tal-uffiċċji tar-reġistrazzjonijiet, l-applikazzjoni tal-miżuri għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ u tar-rappurtaġġ, il-verifika u l-akkreditament u l-kwistjonijiet relatati mal-konformità ma' din id-Direttiva u t-trattament fiskali tal-kwoti, jekk ikun hemm minnhom. L-ewwel rapport għandu jiġi ssottomess lill-Kummissjoni sat-

mfassal fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni fil-qosor abbozzati mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE. Il-kwestjonarju jew id-deskrizzjoni fil-qosor għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri mill-inqas sitt xhur qabel it-temma taż-żmien għas-sottomissjoni tal-ewwel rapport.

30 ta' Ġunju 2005. Ir-rapport għandu jiġi mfassal fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni fil-qosor abbozzati mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE. Il-kwestjonarju jew id-deskrizzjoni fil-qosor għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri mill-inqas sitt xhur qabel it-temma taż-żmien għas-sottomissjoni tal-ewwel rapport."

Emenda 124

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 15b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15b) Fl-Artikolu 21, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Ir-rapport għandu, bl-użu ta' dejta pprovduta permezz tal-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 18b, jinkludi lista tal-operaturi suġġetti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva li ma jkunux fetħu kont ta' reġistru."

Emenda 125

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 15c (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15c) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3a. F'każ ta' sospett raġonevoli ta' irregolaritajiet jew nuqqas minn Stat Membru li jirrapporta skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni indipendenti, u fejn meħtieġ tkun assistita minn parti terza kontraenti. L-Istat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u l-aċċess kollu li l-investigazzjoni teżiġi, inkluż l-aċċess għall-installazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-investigazzjoni."

Emenda 126

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 16

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ***għandha*** tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu 23.

Emenda

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati*** skont l-Artikolu ***30b*** ***biex temenda din id-direttiva billi tistabbilixxi elementi mhux essenzjali tal-Annessi ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-Annessi I, IIa u IIb.***

Emenda 127

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 17

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 22a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Jiddaħħal l-Artikolu ***22a*** li ġej:
"Artikolu ***22a***

Emenda

(17) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
"Artikolu ***30c***

Emenda 128

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 18

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

"Artikolu 23

L-eżerċitar tad-delega"

Emenda

"Artikolu 30b

L-eżerċitar tad-delega"

Emenda 129

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 19 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mill-2008, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, skont din id-Direttiva, għall-attivitajiet u għall-gassijiet serra li mhumiex imniżżla fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-kriterji kollha rilevanti, speċjalment l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali ***tal-iskema Komunitarja*** u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rappurtar li tkun ippjanata, bil-kondizzjoni li l-inklużjoni ta' ***dawn l-attivitajiet*** u gassijiet serra tkun approvata mill-Kummissjoni.

Emenda

Mill-2008, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, skont din id-Direttiva, għall-attivitajiet u għall-gassijiet serra li mhumiex imniżżla fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-kriterji kollha rilevanti, speċjalment l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali ***tal-EU ETS*** u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rappurtar li tkun ippjanata, bil-kondizzjoni li l-inklużjoni ta' ***tali attivitajiet*** u ***ta' tali*** gassijiet serra tkun approvata mill-Kummissjoni. ***Kwalunkwe inklużjoni***

unilaterali bħal din għandha tiġi proposta u approvata sa mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel il-bidu ta' perijodu ġdid ta' skambju fl-EU ETS.

Emenda 130

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 19 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Skont l-atti delegati li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 23, jekk l-inklużjoni tirreferi għal attivitajiet u gassijiet serra li mhumiex elenkati fl-Anness I.

Emenda

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati*** skont l-Artikolu 30b ***biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-approvazzjoni tal-inklużjoni tal-attivitajiet u l-gassijiet serra msemmija fl-ewwel subparagrafu fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jekk dik l-inklużjoni tirreferi għal attivitajiet u gassijiet serra li mhumiex elenkati fl-Anness I.***

Emenda 131

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 19 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3*** huwa ***mibdul*** b'dan li ġej:
"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati ***għal regolament bħal dan*** għall-monitoraġġ u ***r-rapportar tal-emissjonijiet u d-dejta tal-attività skont l-Artikolu 23.***";

Emenda

(b) ***il-paragrafu 3*** huwa ***sostitwit*** b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, ***skont l-Artikolu 30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti ddettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' attivitajiet, installazzjonijiet u gassijiet serra li m'humiex elenkati bħala***

kombinament fi grupp wieħed fl-Anness I, jekk il-monitoraġġ u r-rappurtar jistgħu jitwettqu bi preċiżjoni suffiċjenti.”;

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 20 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) *it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:*
- "Miżuri bħal dawn għandhom ikunu konsistenti mal-atti adottati skont l-Artikolu 11b(7). Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.”;*

Emenda

- (a) *fil-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:*
- '1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi, apparti l-inklużjonijiet previsti fl-Artikolu 24, arranġamenti dettaljati għall-ħruġ ta' kwoti jew krediti fir-rigward tal-proġetti amministrati minn Stati Membri li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li ma jkunux koperti mill-EU ETS.”*

Emenda 133

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 22

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 25a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima minn titjiriet li jtilqu minn dak il-pajjiż li jinżlu **fil-Komunità**, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-pajjiż terz, u mal-Istati

Emenda

1. Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima minn titjiriet li jtilqu minn dak il-pajjiż li jinżlu **fl-Unjoni**, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-pajjiż terz, u mal-Istati

Membri fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23(1), għandha tqis l-għażliet disponibbli sabiex tistipula l-aħjar interazzjoni bejn *l-iskema tal-Komunità* u l-miżuri ta' dak il-pajjiż.

Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' *taddotta emendi* biex ttipprovdi għal *tijiriet* li jaslu mill-pajjiż *terz* ikkonċernat sabiex dawn jiġu esklużi mill-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I jew biex ttipprovdi għal kull emenda oħra għall-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I *li hija* meħtieġa minn *ftehim skont ir-raba' subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta emendi bħal dawn skont l-Artikolu 23.*

Membri fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 30c(1), għandha tqis l-għażliet disponibbli sabiex tistipula l-aħjar interazzjoni bejn *l-EU ETS* u l-miżuri ta' dak il-pajjiż *terz*.

Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' *tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill* biex ttipprovdi għal *tijiriet* li jaslu mill-pajjiż *terz* ikkonċernat sabiex dawn jiġu esklużi mill-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I jew biex ttipprovdi għal kull emenda oħra għall-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I meħtieġa minn *tali ftehim*.

Emenda 134

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 22a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 27 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

"1. Wara li jikkonsultaw lill-operatur, l-Istati Membri jistgħu jeskludu, *mill-iskema Komunitarja*, installazzjonijiet li rrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti emissjonijiet ta' inqas minn 25 000 tonnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju *u, meta jwettqu attivitajiet ta' kombustjoni, ikollhom kapaċità termika nominali ta' inqas minn 35 MW*, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin li jippreċedu n-notifika msemmija fil-punt (a), u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

(22a) Fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"1. Wara li jikkonsultaw lill-operatur *u bi ftehim mal-operatur*, l-Istati Membri jistgħu jeskludu *mill-EU ETS* installazzjonijiet *operati minn SME* li rrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti emissjonijiet ta' inqas minn 50 000 tonnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin li jippreċedu n-notifika msemmija fil-punt (a), u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li japplikaw għal dik l-installazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li qegħdin fis-seħħ, qabel ma l-lista ta' installazzjonijiet taħt l-Artikolu 11(1) tkun trid tiġi ppreżentata u mhux aktar tard minn meta din il-lista tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni;

(b) jikkonferma li hemm arranġamenti ta' monitoraġġ fis-seħħ li jivvalutaw jekk kwalunkwe installazzjoni tkunx is-sors ta' 25 000 tonnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; L-Istati Membri *jistgħu* jippermettu li jkun hemm miżuri simplifikati ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għall-installazzjonijiet b'emissjonijiet annwali vverifikati bejn l-2008 u l-2010 li jkunu inqas minn 5 000 tonnellata fis-sena, skont l-Artikolu 14;

(c) jikkonferma li jekk xi installazzjoni tkun sors ta' 25 000 tonnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri li japplikaw għal dik l-installazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ma għadhomx fis-seħħ, l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid *fl-iskema Komunitarja*;

(d) *jippubblika* l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) *għall-kummenti mill-pubbliku*.

L-isptarijiet jistgħu *ikunu* esklużi jekk jieħdu miżuri ekwivalenti. '

(a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li japplikaw għal dik l-installazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li qegħdin fis-seħħ **u jispeċifika kif daww il-miżuri mhux se jirriżultaw fi spejjeż ta' konformità ogħla għal dawn l-installazzjonijiet**, qabel ma l-lista ta' installazzjonijiet taħt l-Artikolu 11(1) tkun trid tiġi ppreżentata u mhux aktar tard minn meta din il-lista tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni;

(b) jikkonferma li hemm arranġamenti ta' monitoraġġ fis-seħħ li jivvalutaw jekk kwalunkwe installazzjoni tkunx is-sors ta' 50 000 tonnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; L-Istati Membri, **fuq talba ta' operatur, għandhom** jippermettu li jkun hemm miżuri simplifikati ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għall-installazzjonijiet b'emissjonijiet annwali vverifikati bejn l-2008 u l-2010 li jkunu inqas minn 5 000 tonnellata fis-sena, skont l-Artikolu 14;

(c) jikkonferma li jekk xi installazzjoni tkun sors ta' 50 000 tonnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri li japplikaw għal dik l-installazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ma għadhomx fis-seħħ, l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid **fl-EU ETS**;

(d) *jagħmel* l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) *disponibbli għall-pubbliku*.

L-isptarijiet jistgħu *jkunu* esklużi jekk jieħdu miżuri ekwivalenti. "

Emenda 135

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 22b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22b) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 27a

***Esklużjoni ta' installazzjonijiet żgħar
mhux soġġetti għal miżuri ekwivalenti***

***1. Wara konsultazzjoni mal-operatur,
l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-EU
ETS, installazzjonijiet li rrappurtaw lill-
awtoritajiet kompetenti emissjonijiet ta'
anqas minn 5 000 tonnellata ta'
ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju,
esklużi emissjonijiet mill-bijomassa, f'kull
sena mit-tliet snin qabel in-notifika skont
il-punt (a), jekk l-Istat Membru
kkonċernat jikkonforma mal-
kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a) jinnotifika lill-Kummissjoni dwar
kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet
qabel ma l-lista ta' installazzjonijiet skont
l-Artikolu 11(1) tkun trid tiġi ppreżentata
jew mhux aktar tard minn meta din il-lista
tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni;***

***(b) jikkonferma li hemm arranġamenti
ta' monitoraġġ fis-seħħ li jivvalutaw jekk
kwalunkwe installazzjoni tkunx is-sors ta'
5 000 tonnellata ta' emissjonijiet jew
aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-
karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-
bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja;***

***(c) jikkonferma li jekk kwalunkwe
installazzjoni tkunx is-sors ta'
5 000 tonnellata ta' emissjonijiet jew
aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-
karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-
bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja,
l-installazzjoni tiddaħħal mill-ġdid fl-EU
ETS, sakemm ma jkunx japplika l-***

Artikolu 27;

(d) jagħmel l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) disponibbli għall-pubbliku.

2. Meta installazzjoni tiddaħħal mill-ġdid fl-EU ETS skont il-paragrafu 1(c), għandha tingħata kwalunkwe kwota maħruġa skont l-Artikolu 10a b'effett mis-sena tad-dħul mill-ġdid. Il-kwoti maħruġa lil dawn l-installazzjonijiet għandhom jitnaqqsu mill-ammont li jkun se jiġi rkantat skont l-Artikolu 10(2) mill-Istat Membru li fih tkun tinsab l-installazzjoni.

Emenda 136

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 22c (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 29

Test fis-seħħ

"Rapport biex jiżgura li s-suq tal-karbonju jiffunzjona aħjar

Jekk, fuq il-bażi tar-rapporti regolari dwar is-suq tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 10(5), il-Kummissjoni jkollha prova li s-suq tal-karbonju mhux qed jiffunzjona sewwa, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport *jista'* jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposti li jkollhom l-oġettiv li tiżdied it-trasparenza *tas-suq tal-karbonju* u miżuri biex jittejjeb il-funzjonament *tiegħu*."

Emenda

(22c) L-Artikolu 29 huwa Emenda t kif ġej:

"Rapport biex jiżgura li s-suq tal-karbonju jiffunzjona aħjar

Jekk, fuq il-bażi tar-rapporti regolari dwar is-suq tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 10(5), il-Kummissjoni jkollha prova li s-suq tal-karbonju mhux qed jiffunzjona sewwa, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. *Dan* ir-rapport *għandu jinkludi taqsima ddedikata għall-interazzjoni bejn l-EU ETS u politiki oħra nazzjonali u tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, fir-rigward tal-volumi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, il-kosteffettività ta' tali politiki u l-impatt li għandhom fuq id-domanda għall-kwoti tal-EU ETS. Ir-rapport għandu* jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposti *leġiżlattivi* li jkollhom l-oġettiv li tiżdied it-trasparenza *tal-EU ETS, li tiġi indirizzata l-kapaċità li*

jkun hemm kontribut għall-għanijiet tal-Unjoni għall-2030 u l-2050 fir-rigward tal-klima u l-enerġija u li jiġu indirizzati miżuri biex jittejjeb il-funzjonament tagħha, inklużi miżuri li jqisu l-impatt ta' politiki komplementari madwar l-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima fuq il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-EU ETS."

Emenda 137

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 22d (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22d) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 30a

*Aġġustamenti b'segwitu għal analiżi
globali skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta'
Pariġi*

Fi żmien sitt xhur mid-djalogu faċilitattiv skont l-UNFCCC fl-2018 il-Kummissjoni għandha tippubblika komunikazzjoni li tivvaluta l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, il-komunikazzjoni għandha teżamina r-rwol u l-adegwatezza tal-EU ETS biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

Fi żmien sitt xhur mill-eżerċizzju ta' rendikont globali fl-2023 u mir-rendikonti globali sussegwenti minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jivvaluta l-ħtieġa li l-azzjoni klimatika tal-Unjoni tiġi aġġustata kif ikun jeħtieġ il-każ.

Ir-rapport għandu jikkunsidra l-aġġustamenti għall-EU ETS fil-kuntest tal-isforzi ta' mitigazzjoni globali u l-

isforzi mwettqa minn ekonomiji ewlenin oħra. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jivvaluta l-ħtieġa ta' tnaqqis tal-emissjonijiet aktar strett, il-ħtieġa li jiġu aġġustati d-dispożizzjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u jekk humiex meħtieġa għodod u miżuri ta' politika addizzjonali sabiex jiġu ssodisfati l-impenji fir-rigward tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

Ir-rapport għandu jkollha jrisks ta' rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-kompetittività tal-industriji Ewropej, l-investimenti fi ħdan l-Unjoni u l-politika ta' industrijalizzazzjoni tal-Unjoni.

Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq, u f'tali każ il-Kummissjoni għandha tippubblika, b'mod parallel, valutazzjoni sħiħa tal-impatt."

Emenda 138

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 22e (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Anness I – paragrafu 3

Test fis-seħħ

'3. Meta l-input termiku nominali totali ta' istallazzjoni jiġi kkalkulat sabiex jiġi deċiż jekk tiddaħħalx **fl-iskema Komunitarja**, l-inputs termiċi nominali **tal-junits** tekniċi kollha li jagħmlu parti minnha u li fihom jinħarqu **karburanti** fi ħdan l-istallazzjoni, jingħaddu flimkien. **Dawn il-junits** jistgħu jinkludu kull tip ta' bojlers, berners, turbini, ħiters, fran tal-funderiji, inċineraturi, **kalkari tal-ġir**,

Emenda

(22e) L-Anness I(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-input termiku nominali totali ta' istallazzjoni jiġi kkalkulat sabiex jiġi deċiż jekk tiddaħħalx **fl-EU ETS**, l-inputs termiċi nominali **tal-kompartimenti** tekniċi kollha li jagħmlu parti minnha u li fihom jinħarqu **l-karburanti** fi ħdan l-istallazzjoni, jingħaddu flimkien. **Dawk il-kompartimenti** jistgħu jinkludu kull tip ta' bojlers, berners, turbini, ħiters, fran tal-funderiji, inċineraturi, **kalkinaturi**, kalkari,

kalkari, fran, *impjanti nixxiefa* (dryers), magni, ċelluli *tal-karburanti*, *junits* tal-kombustjoni '*chemical looping*', *torċi (flares)*, u *impjanti* termiċi jew katalitiċi *tal-post-kombustjoni*. *Junits* b'input termiku nominali taħt it-3 MW u *junits* li jużaw biss il-bijomassa ma *jitqisux* għall-finijiet ta' dan il-kalkolu. "*Junits* li jużaw biss il-bijomassa" jinkludu *impjanti* li jużaw *il-karburanti* fossili meta jitqabbd u jew meta jintfew biss.

fran, *apparat tat-tnixxif* (dryers), magni, ċelluli *tal-fjuwil*, *kompartmenti* tal-kombustjoni "*chemical looping*", *apparat tal-ivvampjar*, u *kompartmenti* termiċi jew katalitiċi *tal-postkombustjoni*. *Il-kompartmenti* b'input termiku nominali taħt it-3 MW, *il-kompartmenti ta' emerġenza li jintużaw biss biex jipproduċu l-elettriku għal konsum fuq il-post fil-każ ta' qtugħ tal-elettriku u l-kompartmenti* li jużaw biss il-bijomassa ma *għandhomx jitqiesu* għall-finijiet ta' dan il-kalkolu. "*Il-kompartmenti* li jużaw biss il-bijomassa" jinkludu *kompartmenti* li jużaw *il-fjuwils* fossili meta jitqabbd u jew meta jintfew biss."

Emenda 139

Proposta għal direttiva Artikolu 1a (ġdid)

Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Artikolu 1 - paragrafu 5 - subparagrafi 1a u 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 1a

L-emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 1(5), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin mal-ewwel subparagrafu:

"Permezz ta' deroga, sal-perijodu ta' reviżjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-perċentwali msemmija f'dan is-subparagrafu għandhom jiġu rdoppjati. Ir-reviżjoni għandha tikkunsidra li tirdoppja r-rata ta' ammissjoni sakemm jerġa' jiġi stabbilit il-bilanċ tas-suq.

Barra minn hekk, ir-reviżjoni għandha tintroduċi limitu fuq ir-riżerva tal-

istabbiltà tas-suq u, jekk ikun xieraq, ir-reviżjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva."
